# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 325/2021 MH**

**Illum, 27 t'April, 2022**

**Yorgen Fenech**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u L-Avukat Ġenerali u b'digriet tat-2 ta' Ġunju, 2021 ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża in statu et terminis l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Yorgen Fenech fejn ġie premess illi

1. *Illi r-rikorrent tressaq taht arrest nhar it-30 ta' Novembru 2019 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mixli b'komplicita f'omicidju volontarju. F'dik is-seduta r-rikorrent ma talabx ghall-helsien mill-arrest;*

2. *Illi fit-18 ta' Dicembru 2019, ir-rikorrent prezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn talab ghall-helsien mill-arrest. Fil-23 ta' Dicembru 2019 il-Qorti cahdet it-talba minhabba l-biza' ta' intralc tal-provi 'f'waqt meta l-investigazzjonijiet ghadhom ferm attivi'.*[1] *Il-Qorti zieded tghid li r-rikorrent ma haqqux il-liberta ghax temmen li 'l helsien mill-arrest tal-imputat f'dan l-istadju attwalment ikollu effett li jiddisturba jew jimmina l-ordni socjali';*[2]

3. *Illi fit-30 ta' Jannar 2020, ir-rikorrent rega pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fl-20 ta' Frar 2020 il-Qorti, wara li ghamlet referenza ghar-risposta tal-Avukat Generali, cahdet it-talba. Effettivament l-Avukat Generali kien oggezzjona minhabba nvestigazzjonijiet pendenti u minhabba xi xhieda pajzana li ghad jridu jiddeponu. In oltre, l-Qorti hasset li l-liberta tar-rikorrent kien ser jwassal ghal disturb fis-socjeta Maltija;*

4. *Illi fil-20 ta' Frar 2020 u wara li cahdet it-talba tar-rikorrent ghall-liberta, il-Qorti ordnat li x-xhieda pajzana indikati mill-Avukat Generali jitellaw fir-rinviju li jmiss. Dawn ix-xhieda ttellaw jixhdu nhar il- 15 ta' Gunju 2020 u 22 Gunju 2020;*

5. *Illi bejn is-6 ta' April 2020 u is-16 ta' April 2020, ir-rikorrent ipprezenta zewg rikorsi quddiem il-Qorti Kriminali biex jibbenifika mill-helsien mill-arrest stante li bl-introduzzjoni tal-Avvizi Legali 61, 65, 115 u tas-sena 2020 141u d-dikjarazzjoni ta' Emergenza tas-Sahha Pubblika, il-process kriminali kontra r-rikorrent waqaf sine die. Fis-7 ta' April 2020 il-Qorti cahdet it-talba minhabba biza' ta' intralc tal-provi u d-dizordni pubbliku. Fil-21 ta' April 2021, ftit gimghat wara, il-istess Qorti hi zieded li tali cahda hija bbazata ukoll fuq 'il-personalita maqtula, ix-xoghol, l-istahhrig u l-kitbiet taghha, iz-zmien meta l-qtil sehh, ic-cirkostanzi storici u politico-socjali li fihom sehh u il-modalita uzata biex inqatlet Daphne Caruana Galizia';*[3]

[1] Verbal tas-seduta ta' nhar il-23 ta' Dicmebru 2019
[2] *Ibid*
[3] Digriet tal-Qorti Kriminali ta' nhar il-21 ta' April 2020

6. *Illi fil-25 ta' Awwissu 2020, ir-rikorrent pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn talab il-liberta provizorja. Il-Qorti osservat li l-investigazzjonijiet ghadhom pendenti, thoss li hemm biza' ta' intralc ta' provi u cahdet it-talba. In oltre, b'differenza manifesta ghad-digrieti precedenti tal-istess Qorti tal-Magistrati, f'dan id-digriet introduciet il-biza' tal-harba;*

7. *Illi fil-23 ta' Novembru 2020, ir-rikorrent rega prezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn rega talab il-liberta provizorja. Fis-27 ta' Novembru 2020 il-Qorti cahdet il-liberta tar-rikorrent. Effettivament il-Qorti rrepetiet ir-ragunijiet moghtija fid-digriet taghha ta' nhar il-23 ta' Dicmebru 2019, kwazi sena qabel;*

8. *Illi fit-8 ta' Frar 2021, ir-rikorrent ghamel talba ohra ghall-liberta. Il-Qorti, ikkonkludiet li ma kien tbiddel xejn fil-proceduri mid-digriet precedenti, l-'investigazzjonijiet' kienu ghadhom ghaddejin u regghet cahdet it-talba. Minkejja li l-Qorti ma hadet l-ebda pass sabiex tivverifika x'investigazzjonijiet hemm pendenti, x'inhi n-natura ta' dawn l-investigazzjonijiet u x'inhi r-relazzjoni taghom mal-imputat, il-Qorti issolecitat lil Prosekuzzjoni biex thabrek fil-'investigazzjonijiet';*

9. *Illi fil-14 ta' April 2021, il-Qorti tal-Magistrati ghal-darb' ohra cahdet it-talba tar-rikorrent ghall-liberta provizjorja. Wara sottomissjonijet dettaljati u fattwali mill-avukati difensuri tar-rikorrent, il-Qorti ghamlet sensiela ta' kunsidrazzjonijiet fejn, bl-ikbar dovut rispett, jidher li l-ghan ahhari taghhom donnu kien iktar sabiex jmeri lid-difiza minn li jigu stabiliti fatti oggettivi u konkreti ghaliex ir-rikorrent ma ghandux jinghata il-helsien mill-arrest. Il-Qorti cahdet it-talba tal-imputat ghax qalet li hemm investigazzjonijiet pendenti;*

10. *Illi jinghad bl-ikbar rispett, li effettivament dan l-ahhar digriet huwa ekwiparabbli ma certifikat ta' assigurazzjoni li r-rikorrent, jaghmel x'jaghmel, jghaddi kemm jghaddi zmien*[4] *u jigri x'jigri, qatt ma huwa ser jinghata l-helsien mill-arrest. Huwa evidenti li d-digriet tac-cahda huwa messagg lir-rikorrent li c-cirkostanzi li qed iwasslu l-Qorti biex tichad it-*

[4] salv, it-trapass ta' 20 xahar jekk l-Avukat Generali ma jaghzlx li johrog l-Att ta' Akkuza biex jistultifika l-liberta tar-rikorrent *vide* Artikolu 575 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

*talba ma humiex ser jinbidlu u li ghandu jaqta qalbu mill-liberta provizorja. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li dan it-tip ta' ragunament imur kontra l-ispiritu ta' l-istitut tal-helsien mill-arrest kif ukoll kontra l-principji sanciti bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

11. *Illi, c-cahdiet tal-Qorti kollha jistaw jigu sintetizzati fis-segwenti. Li hemm investigazzjonijiet pendenti liema investigazzjonijiet jistaw jigu pregudikati bir-rilaxx tar-rikorrent. Li r-rilaxx tar-rikorrent jista jwassal ghal-harba tieghu u li r-rilaxx tar-rikorrent jista johloq disturb fil-ordni pubbliku. Bir-rispett kollu, l-ebda wahda minn dawn r-ragunijiet m'hi gustifikata jekk mhux msejjsa bi provi, aktar u aktar meta ghaddew aktar minn 500 mitt gurnata li fihom r-rikorrenti, bniedem incensurat prezunt innocent, ghadu arrestat pendent il-kaz tieghu;*

12. *Illi qabel kollox jehtieg jigi ndirizzat punt. Bir-rispett kollhu l-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata meta fl-ahhar digriet ta' cahda qalet li 'l-Ligi ma tehtiegx li jingiebu provi li jezistu l-bizghat msemmija fil-Artikolu 575(1) tal-Kapitolu 9'.* [5] *Apparti li l-ebda Qorti ma ghanda toqod fuq dikjarazzjoni ta' ebda parti monghajr ma tivverifika jekk dak li qed jinghad huwiex korrett jew le, il-Qorti meta toqod fuq dikjarazzjoni ta' parti tkun qeda tabdika mid-doveri taghha li tezamina l-veracita ta' dak li jkun qed jigi sottomess mill-partijiet;*

13. *Illi dan ifisser bhal li kieku l-Avukat Generali, li llum l-gurnata huwa moghni bil-vesti ta' Prosekutur, Investigatur u Chief Magistrate issa ukoll ghandu l-kapacita jaghzel meta bniedem haqqu jigu jinghata l-liberta provizorja. Bilkemm hemm bzonn jinghad li dan il-hsieb johloq prezunzjoni kontra l-liberta' provizorja u jmur kontra l-ispirtu tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

14. *Illi fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet* ***John sive Jan Leone Ganado v. Onor. Prim Ministru et.*** *(21.05.1992), inghad hekk:*

[5] Digriet tal-Qorti tal-Magistrati ta' nhar il-14 ta' April 2020

> *"Il-prezunzjoni hi allura favur il-liberta` provizorja w r-rikorrent m'ghandux ghalfejn jipprova xejn aktar, ghajr il-fatt li jinsab arrestat u mcahhad minn din il-liberta` u li talab li jigi moghti l-liberta` provizorja, u li din giet lilu michuda. ... Jispetta allura lill-intimati li jipprovaw sodisfacentement, b'mod li jwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali, motivat u fondat, illi jirrikorru fil-kaz in ezami, cirkostanzi gravi li jiggustifikaw ic-cahda tal-liberta` provizorja. L-oneru tal-prova hu ghalhekk kollu kemm hu mixhut – u dan b'mod l-aktar pezanti – fuq l-intimata."*

15. *Illi fid-dawl tal-insenjament abbraccajt u prattikat mill-Qrati taghna mis-sena 1992, kull kumment iehor fir-rigward huwa superfluwu;*

16. *Illi kwazi f'kull digriet ta' cahda jinghad li hemm 'investigazzjonijiet' pendenti liema investigazzjonijiet ser jigu pregudikati bir-rilaxx tar-rikorrent. Minkejja iktar minn tmien digriet jghidu l-istess haga, il-prosekuzzjoni ma' ressqet l-ebda prova dwar x'ini n-natura ta' dawn l-investigazzjonijiet, x'inhu l-istadju ta' dawn l-investigazzjonijiet, lil min jikkoncernaw dawn l-investigazzjonijet, min qieghed jigi mitkellem (jekk biss) u x'ini l-haga li hija tant delikata u vulerabbli ghall-intralc, li minhabba fiha, r-rikorrent hemm bzonn li bilfors jinkisirlu d-dritt ghall-liberta u jinzamm arrestat, liema haga ghada ma gietx konkluza f'iktar minn tlett snin ta' investigazzjoni;*

17. *Illi di piu l-oggezzjonijiet arbitrarji tal-Avukat Generali accetati a bocca baciata mill-Qorti tal-Magistrati huma iktar u iktar palezi fl-isfond tad-dikjarazzjoni pubblika li ghamel l-Kummissarju tal-Pulizia nhar il-24 ta' Frar 2021:*

> *'Illum f'posizzjoni nghidu li bl-evidenza li ghandna l-kaz tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia* ***kull persuna involut****, mandant jew komplici llum jinsabu arrestati jew imresqin il-Qorti';*[6] *(enfasi mizjud tar-rikorrent)*

[6] Konferenza stampa ta' nhar il-24 ta' Frar 2021

18. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-fatt li nvestigazzjoni ghada ghaddejja ma jfissirx necessarjament biza' ta' intralc tal-kors tal-gustizzja. F'dan il-kas l-investigazzjonijiet fl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia ilhom ghaddejin ghal iktar minn tlett snin. Hemm diversi inkjesti liema inkjesti ppreservaw il-provi u semghaw ix-xhieda, liema xhieda hi prova shiha*[7] *u l-kumpilazzjoni lha ghaddejja ghal kwazi sena u nofs, u ghalhekk certament m'ghediex fi stadju bikri, u m'hemm ebda prova li r-rikorrent ser jintralcja il-provi jekk mehlus;*

19. *Illi ghalkemm ghaddew aktar minn 17-il xahar ta' arrest preventiv, l-hsieb espress mill-Qorti hi u tichad it-talbiet ghall-liberta provizorja ma evolviex biex jirrifletti l-izviluppi li sehhew matul is-17-il xahar jew biex tevalwa jekk l-oggezzjonijiet tal-Avukat Generali ghadhomx attwali u konkreti. Dan ukoll huwa leziv tal-Artikolu 5. Kif qalet il-Qorti Ewropea:*

> *'that with the passing of time the courts' reasoning did not evolve to reflect the developing situation and to verify whether these grounds remained valid at the advanced stage of the proceedings'*[8]

20. *Illi l-biza' li wiehed jahrab jew jitlaq minn Malta trid tkun appuntu biza' oggettivament riskontrabbi u bbazata fuq fatti u mhux biss possibilita jew ipotesi;*

21. *Illi l-Avukat Generali jghid li dakinhar tal-20 ta' Novembru 2019, r-rikorrent kien qed jipprova jahrab minn Malta. Hawnhekk, bir-rispett, ta' min wiehed jzomm f'mohhu li dakinhar ma kien hemm xejn illegali li r-rikorrent jitla fuq dghajsa tieghu stess u jsiefer. Ir-rikorrent la kien imfittex mill-Pulizija, la kien mitkellem mill-Pulizija u lanqas kien maghrraf li qieghed taht xi kundizzjoni li ma jistax jitlaq minn Malta;*

22. *Illi dan mhux kontestat mill-provi, fil-fatt ir-rikorrent wera bi provi li dakinhar tal-20 ta' Novembru huwa kien tiela Sqallija fuq manutenzjoni skedata tad- dghajsa tieghu. Ma kienet ser issir l-ebda harba minn wiehed*

[7] Artikolu 550 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
[8] Bykov v Russia [GC], 4378/02, 10 March 2009

*mill-portijiet principali ta' Malta, bil-GPS tracker tad- dghajsa mixghewl u b'avviz lill-Valletta Port Control li Yorgen Fenech ser johrog mill-port;*

23.*Illi anke il-Pulizija ta' Malta ma hassitx li fil-fatt kemm hemm il- biza' ta' harba. Tant hu hekk li huma stess tawh fiducja u tawh il-police bail liema bail u fiducja giet rispettata mir-rikorrent. Nhar il-21 ta' Novembru 2019 (l-ghada tal-allegata harba) r-rikorrent inghata l-police bail. Rega inghata fil-22 ta' Novembru 2019. Kif ukoll fil- 23 ta' Novembru 2019 u fis-26 ta' Novembru 2019. Kif ukoll fid- 29 ta' Novembru 2019.*[9] *Bilkem hemm bzonn jinghad li waqt dawn il-police bails r-rikorrent kien jaf x'inhuma l-akkuzi li li taghhom qed jigi investigat u arrestat. Huwa ma harabx u l-anqas ipprova;*

24.*Illi sitwazzjoni simili l-Qrati Ewropej sabu lezjoni tal-Artikolu 5:*

> *'They [the Local Authorities] did not address the fact that the applicant had had an opportunity to flee after the search of her flat but she had remained at the investigator's disposal. In these circumstances, the Court find that the existence of the risk of flight was not established…'* [10]

25.*Illi apparti li r-rikorrent hu incensurat huwa persuna mizzewweg mara Maltija u ghandu zewgt itfal zghar Maltin. Ir-rikorrent ghandu diversi proprjetajiet Malta u Ghawdex, negozju Malta u Ghawdex u r-rabtiet kollha tieghu huma ma' dawn il-Gzejjer. Di piu` hu m'ghandu ebda rabtiet barra minn Malta u l-allegazzjonijiet f'dan is-sens ta' l-Avukat Generali huma semplicement intizi sabiex jizvijaw lill-Qorti tal-Magistrati u lill-Qorti Kriminali. Effettivament ghandu jinghad li tali intenzjoni malizjuza lahqet ukoll l-iskop taghha kif jirrizulta minn diversi digrieti tal-Qrati. Dan qed jinghad peress li l-prosekuzzjoni, ma ghandha ebda prova li r-rikorrent, fl-eventwalita` li jinghata l-helsien mill-arrest, ser jahrab jew jabskondi minn dawn il-Gzejjer;*

26.*Illi b-digriet ta' nhar il-14 ta' April 2021 il-Qorti osservat li:*

[9] Xhieda tas-Spettur Keith Arnaud ta' nhar il-19 ta' Dicembru 2019 pg 26 – 29.
[10] Mamedova v Russia, (App. No. 7064/05) 1 June 2006

*'l-helsien mill-arrest tal-imputat f'dan l-istadju tal-proceduri,* ***ikun kapaci wkoll li jqanqal disturb fl-ordni pubbliku tas-socjeta Maltija li ghad qed tistenna li l-persuni kollha li kienu involuti jitressqu quddiem il-qrati'*** [11] *(enfasi mizjuda tar-rikorrent)*

27. *Illi bl-ikbar rispett r-rikorrent ma jifhimx kif il-Qorti a sua sponte iddecidiet li s-socjeta Maltija qed 'tistenna li l-persuni kollha li kienu involuti jitressqu quddiem il-qrati' filwaqt il-Kummissarju tal-Pulizija (li prezumabilment huwa maghrraf bil-fatti kollha tal-investigazzjoni) ddikjara li 'bl-evidenza li ghandna l-kaz tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia* **kull persuna involut***, mandant jew komplici llum jinsabu arrestati jew imresqin il-Qorti'.*[12] *Bir-rispett kollu, l-liberta tal-bniedem ma ghandiex tiddependi minn fuq dak li tixtieq jew tistenna is-socjeta Maltija izda hija l-Ligi li ghanda tigi applikata;*

28. *Illi dan maghdud, il-Ligi u cioe l-Artikolu 575 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jqisx il-biza' ta' disturb fil-ordni pubbliku bhala wahda mir-ragunijiet li jigustifikaw iz-zamma ta' bniedem taht arrest. Kwindi, z-zamma taht arrest tar-rikorrent abbazi ta' din ir-raguni ma ssib l-ebda refugju fil-ligi u hija leziva tad-dritt tieghu ghall-liberta;*

29. *Illi f'dan ir-rigward l-Qorti Ewropea esprimiet ruha:*

*'In exceptional circumstances, this factor [danger of causing public disorder] may therefore be taken into account for the purposes of the convention* ***as far as domestic law recognises this ground'***[13] *(enfasi mizjuda tar-rikorrent)*

*'in exceptional circumstances this factor may therefore be taken into account for the purposes of the Convention,* ***in any event in so far as domestic law recognises the notion of disturbance to public order caused by an offence.'*** [14] *(enfasi mizjuda tar-rikorrent)*

---

[11] Pagna 8 tad-digriet
[12] Konferenza stampa ta' nhar il-24 ta' Frar 2021
[13] Letellier v France (App. No. 12369/86, 26/06/1991, §51)
[14] I.A. v France, (App. No. 28213/95), 23rd September 1998

30.*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ghal-grazzja tal-argoment u ghall-grazzja tal-argoment biss, nghidu li huwa gustifikabbli li bniedem jinzamm arrestat ghax ir-rilaxx jista jikkawza disturb fl-ordni pubbliku, dan jista jsir biss ghal ftit zmien. l-Qorti Ewropea tirretjeni li;*

> *'51. The Court accepts that, by reason of their particular gravity and public reaction to them, certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pre-trial detention,* ***at least for a time.'***[15] *(enfasi mizjuda tar-rikorrent)*

31.*Illi fid-digriet tal-helsien mill-arrest fil-kawza bl-ismijiet il-****Pulizija v Justin Borg*** *fejn l-imputat qieghed jaffacja akkuzi ta' omicidju volontarju, l-istess Qorti tal-Magistrati qieset li*

> *'il-Qorti ma hijiex konvinta illi fih innifsu, il-helsien mill-arrest tal-imputat jista jqanqal b'mod konkret, xi disturb fl-ordni pubbliku f'dan l-istadju,* ***kwazi disa xhur wara li gie kommess id-delitt****' (enfasi mizjuda tal-esponent)*

*Ir-rikorrent ilu detenut ghal kwazi d-doppju taz-zmien fil-kawza appena citata filwaqt li d-delitt li tieghu jinsab imputat ir-rikorrent sehh iktar minn tlett snin ilu!*

32.*Illi di piu l-esponent bir-rispett jsostni li l-mod kif l-Qorti cahdet it-talba tieghu huwa arbitrarju ghal ahhar. Id-digriet tal-Qorti huwa nieqes minn 'facts capable of showing that the accused's release would actually disturb public order'.*[16] *Mit-23 ta' Dicembru 2019 sa llum l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova biex tissostanzja l-allegazzjoni fantomatika li r-rilaxx tar-rikorrent jista jqanqal disturb pubbliku;*

33.*Illi ghalhekk il-biza' ta' disturb fl-ordni pubbliku la hija bbazata fil-ligi, la hija bbazata fuq fatti u provi u lanqas hija oggettivament riskontrabbli tlett*

---

[15] Letellier v. France (Application no. 12369/86) 26 June 1991
[16] ibid

*snin wara d-delitt. Għaldaqstant, l-arrest tar-rikorrent abbazi ta' hekk hija leziva tad-dritt tiegħu għall-liberta;*

34.*Illi fid-dawl ta' dak suespost kollu jidher li l-arrest prolungat tar-rikorrent huwa in vjolazzjoni tad-dritt tiegħu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

35.*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħgobha:*

a. *Tiddikjara li bl-arrest tar-rikorrent fil-proceduri fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Yorgen Fenech*** *gie lez id-dritt tiegħu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

b. *Tagħti dwak id-direttivi kollha sabiex jigi sancit id-dritt tiegħu kif protett mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta inkluz dak li tordna r-rilaxx immedjat tiegħu mill-arrest;*

c. *Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.*

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat kif ukoll tal-Avukat Generali, waħda konġuntiva[17] fejn ġie eċċepiet illi:

*Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni fejn qed jallega li qiegħed jinzamm arrestat arbitrarjament in konnessjoni mal-proceduri kriminali li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet Il-Pulizija (Supt. Keith Arnaud u Spettur Kurt*

[17] Folio 11

*Zahra) vs. Yorgen Fenech fejn jinsab akkuzat bl-omicidju volontarju tas-sinjura Daphne Caruana Galizia.*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jibda biex jinghad li dawn l-artikoli huma intizi sabiex iharsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Illi sabiex id-detenzjoni ma tkunx wahda arbitrarja skont dawn l-artikoli dik id-detenzjoni trid tkun skont il-ligi u konsistenti mal-ghan tal-istess artikoli u cioe' li l-indivdwu jigi mhares mill-arbitrarjeta'. Illi madanakollu dan il-principju mhuwiex wiehed assolut u dan stante li dawn l-artikoli jikkontjenu lista ezawrenti tar-ragunijiet li ghalihom tista' titnehha l-liberta' ta' xi persuna. Wahda mir-ragunijiet li skont l-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jiggustifikaw il-privazzjoni mil-liberta' hija dik mahsuba fil-paragrafu (c) tal-istess artikolu u cioe' meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-ligi u effetwata sabiex il-persuna tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat. In kwantu ghas-suspett ragonevoli mehtieg skont l-Artikolu 5 (1) (c) imsemmi, il-kriterju tar-ragonevolezza huwa wiehed oggettiv. Suspett ragonevoli jippresupponi l-ezistenza ta' fatti jew informazzjoni tali li jissodisfaw li osservatur oggettiv li l-persuna koncerntata setghet ikkomettiet reat. L-istess insibu fl-Artikolu 34 (1) (f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-arrest tar-rikorrenti sar ai termini tal-provvedimenti tal-Kodici Kriminali u dan stante li l-Pulizija kienet sodisfatta bl-ezistenza tar-rekwizit ta' suspett ragonevoli kemm sabiex tarresta u kemm sabiex tressaq lir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'akkuzi ta' reat kriminali.*

2. *Illi gjaladarba gie stabbilit li l-arrest inizzjali kif ukoll il-prezentata b'arrest tar-rikorrenti kien imsejjes u mqanqal fuq suspett ragonevoli skont kif jipprovdi l-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 (1) (f) tal-Kostituzzjoni il-pass li jmiss huwa li wiehed jezamina jekk il-*

*kontinwazzjoni tad-detenzjoni/arrest tar-rikorrenti huwiex gustifikat u permissibbli fil-qafas tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni.*

3. *L-istitut tal-plegg (libertà provvizorja) jappartjeni ghad-dritt penali u jaqa' fi hdan il-parametri (mansjonijiet) tal-qrati li jgawdu minn gurizdizzjoni kriminali. Il-provi li gew prodotti mir-rikorrenti stess juru, qabel xejn, illi:*
   a. *l-ghoti tal-libertà provvizorja jew ic-cahda tal-istess ghandhom jigu decizi esklussivament mill-qrati li ghandhom gurizdizzjoni penali. Hemm raguni ghal dan. Huma il-qrati li ghandhom gurizdizzjoni penali li jinsabu fl-aqwa pozizzjoni sabiex jevalwaw u jikkonstataw jekk persuna timmeritax il-helsien mill-arrest. Ghalhekk qrati kriminali ghandhom jezercitaw tali diskrezzjoni mhux biss ghax il-persuna li titlob tali libertà provvisorja trid isserrah mohh il-Qorti illi ser tidher quddiemha meta hekk ordnata minn tali Qorti izda ghaliex hija l-istess qorti ta' gurizdizzjoni kriminali li hija moghnija bizzejjed b'ottika u vista pjena tac-cirkostanzi kollha tal-persuna li ghandha quddiemha, kemm jekk il-persuna hija imputata u kif ukoll jekk hija akkuzata; u*
   b. *ma jezisti l-ebda dritt awtomatiku ghall-helsien mill-arrest, hlief kif u jekk provvdut espressament mill-Ligi. Din hija regola generali li tista' tammetti ftit eccezzjonijiet purchè dawk huma ikkontemplati mill-ligi, u cjoè dawk naxxenti mill-Artikolu 575(1) tal-Kapitolu 9 (tal-Kodici Kriminali).*

4. *Fil-kors tal-proceduri kriminali r-rikorrenti pprezenta sensiela ta` rikorsi sabiex jinheles mill-arrest liema talbiet ma ntlaqghux u dan peress li l-Qrati ta` gurisdizzjoni kriminali ma hassewx li kien ghaqli li r-rikorrenti jinheles mill-arrest u dan abbazi tar-ragunijiet dettaljati li l-istess Qrati taw fid-digrieti taghhom.*

**5.** *Illi ghalhekk certament li ma jistax jinghad li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrenti huwa b'xi mod kappriccjuz, specjalment tenut kont tal-fatt li l-Qrati cahdu t-talba ghall-helsien mill-arrest abbazi ta' diversi kriterji inkluz il-gravita' tar-reat liema gravita' giet ezaminata fil-kumpless ta' fatturi ohra bhal possibilita' tal-harba u possibilita' ta' intralc tal-provi fl-ambitu wkoll tal-piena marbuta mal-imputazzjonijiet*

*dedotti kontra r-rikorrenti.* ***Dawn il-bizghat li gew riskonrati mill-Qrati penali huma ezistenti sal-gurnata tal-lum u dan iktar u iktar meta fl-ahhar seduti tressqu provi dwar pjan dettaljat u metikoluz ta` kif ir-rikorrent ippjana l-harba tieghu minn Malta meta sar jaf li l-awtoritajiet kienu warajh. Ir-riskju tal-harba huwa wiehed reali, attwali u huwa ippruvat.*** *Apparti hekk ir-rikorrenti huwa akkuzat bl-iktar reat serju fl-ordinament guridiku Malti, dak ta` omicidju volontarju, li jgorr il-piena massima ta` ghomor il-habs u huwa palezi wkoll li l-qtil premeditat ta` Daphne Caruana Galizia halla impatt socjo-politiku enormi fuq pajjiżna, u li l-investigazzjonijiet minn naha tal-pulizija ghadhom ghaddejjien. Inoltre, jezistu wkoll provi ohra li juru li* ***r-rikorrenti huwa persuna inaffidabbli.***

6. *Illi l-intimat jenfasizza illi l-Qrati kriminali, konfortati mis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, gustament ikkonstataw il-* ***biza' ta' disturb fl-ordni pubbliku*** *fl-eventwalità illi jigi akkordat il-helsien mill-arrest. Guristi awtorevoli hafna fil-qasam jiccitaw il-kaz* ***Letellier v France*** *(applikazzjoni numru 12369/86, decizjoni tas-26 ta' Gunju 1991) fejn il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem insenjat illi:*

   > *'by reason of their particular gravity* and public reaction to them, *certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pre-trial detention, at least for a time.'*

7. *L-esponenti jissottomettu finalment li d-Digrieti tal-Qrati penali huma kollha studjati, motivati u mfissra bl-aktar mod metikoluz liema Digrieti juru bic-car li c-cahda tal-liberta` mhijiex wahda kapriccjuza jew arbitrarja. Il-Qrati penali ikkonstataw illi tezisti dik il-****biza' rejali u attwali ravvizata fl-artiklu 575 tal-Kodici Kriminali li tiggustifika pjenament id-detenzjoni preventiva kontinwata*** *tar-rikorrenti. Dan huwa l-pern tal-kwezit legali issollevat permezz tar-rikors promotur. Jekk din il-biza' rejali u attwali ghadha tissussisti, m`ghandiex tkun din l-Onorabbli Qorti ta` gurisdizjoni kostituzzjonali li tbiddel ir-realta` gudizzjarja stabbilita mil-qrati kriminali.*

8. *Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta ta' l-intervenuti fil-kawża[18].

*Jesponu bir-rispett:*

*Illi r-rikorrent qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha "tiddikjara li bl-arrest tar-rikorrent fil-proceduri fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Yorgen Fenech*** *gie lez id-dritt tieghu sancit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta";*

*Illi konsegwentement ghal din it-talba r-rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti "taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigi sancit id-dritt tieghu kif protett mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta inkluz dak li tordna r-rilaxx immedjat tieghu mill-arrest;"*

*Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet hawn espressi:*

1. *Illi z-zamma taht arrest tar-rikorrent Fenech hija skond il-ligi, mhux arbitrarja u qeda ssir b'harsien ta' kull kriterju stabbiliet kemm f'artikolu 34 tal-Kostituzzjoni kif ukoll f'artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kontenuta f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

[18] Folio 144.

2. *Illi r-rikorrent qieghed jilmenta minn tali vjolazzjoni bhala wahda li tohrog mir-rifjut ta' talbiet li huwa ghamel quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti iStruttorja u mill-Qorti Kriminali;*

3. *Illi tali digrieti, li ghandhom jigu kollha pprezentati u jkunu ghad-dispozizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti flimkien mar-rikorsi, risposti, provi u sottomissjonijiet li saru mill-partijiet fir-rigward, huma decizjonijiet sostanzjati b'diversi ragunijiet u kunsiderazzjonijiet ta' dawk il-Qrati u huma ukoll ibbazati fuq fatti accertati;*

3. *Illi l-lanjanza mressqa mir-rikorrent ma ghandiex tinftiehem bhala li qeda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi hi jekk l-imputat Yorgen Fenech ghandux jinghata l-helsien mill-arrest jew le. Din hija l-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti iStruttorja u l-Qorti Kriminali u dak l-istharrieg li huwa fil-gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti hija li tissindika d-decizjonijiet ghac-cahda fir-rigward tar-ragunijiet, fatti u konsiderazzonijiet li ghamlu dawk il-qrati u mhux li taghmel kunsiderazzjonijiet hi dwar il-mertu ta' dawk id-digrieti moghtija mill-qrati ta' gurisdizzjoni penali;*

4. *Illi z-zamma tar-rikorrent taht arrest hija ragonevoli fic-cirkustanzi kollha tal-kaz hekk kif diga ghamlet dan il-gudizzju il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti Kriminali, u dina l-Onorabbli Qorti ghandha tawtorizza u tordna li jigu prezentati lilha dawk il-provi li jissostanzjaw il-kunsiderazzjonijiet li ghamlu l-qrati kriminali sabiex hi tkun tista' ukoll tevalwa dawk id-decizjonijiet fid-dawl ta' dawk ic-cirkostanzi li fihom ittiehdu;*

5. *Illi d-dritt ghal helsien mill-arrest ma huwiex dritt assolut u jista jigi limitat ghal wahda minn erba ragunijiet fosthom ir-riskju li l-akkuzat jonqos milli jidher ghal process, ir-riskju li jekk jigi mehlus mill-arrest l-akkuzat jippregudika l-amministrazzjoni tal-gustizzja, li waqt li jkun*

*rilaxxat l-akkuzat jista jikkommetti reati ohra, jew li r-rilaxx mill-arrest jista jikkawza dizordni pubblika;*

6. *Illi z-zamma tar-rikorrent taht arrest hija gustifikata b'ragunijiet relevanti u sufficjenti fi proceduri li qedghin jitmexxew b'mod diligenti u r-ragunijiet huma bbazati fuq fatti specifici u fuq ic-cirkostanzi personali tal-istess Fenech li ghadhom jissusistu;*

7. *Illi c-cirkostanzi li fihom r-rikorrent qieghed taht arrest huma cirkostanzi li jinkludu htiega genwina ta' interess pubbliku li jiggustifika z-zamma taht arrest tar-rikorrent minkejja d-dritt fundamentali;*

8. *Illi fl-istharrieg dwar jekk hemmx ir-riskju li jiggustifika z-zamma taht arrest ta' imputat, ic-cirkostanzi li ghandhom jigu kkunsidrati sabiex wiehed jissindika jekk dan ir-riskju jezistix jinkludu l-karattru, l-morali, ir-residenza, l-okkupazzjoni, l-assi u l-konnessjonijiet tal-familja tal-akkuzat u anke t-tip ta' konnessjonijiet li l-akkuzat ghandu mal-pajjiz fejn ikun qieghed jigi processat. Fil-kaz odjern provi dwar kull wiehed minn dawn ic-cirkustanzi jindikaw li r-riskju li jiggustifika z-zamma tar-rikorrent taht arrest jezisti;*

***Riskju ta' Harba***

9. *Illi fejn ir-raguni tac-cahda hija riskju li l-akkuzat jahrab il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tistabbilixxi li dan ir-riskju ghandu jigi kkunsidrat ghab-bazi ta' cirkustanzi li jew jikkonfermaw l-ezistenza ta' riskju ta' harba jew li minn naha 'l ohra jaghmlu dan ir-riskju tant zghir li ma jistax jiggustifika z-zamma taht arrest;*

10. *Illi f'dan il-kaz ir-riskju li l-akkuzat jahrab huwa konfermat bhala li jezisti u dan ghab-bazi ta' cirkostanzi sostanzjati bi provi gia mressqa quddiem il-qrati kriminali;*

11. *Illi tali provi, fil-maggor parti mehuda minn dokumentazzjoni li kiteb ir-rikorrent stess jew li fiha r-rikorrent kien partecipi, jinkludu per ezempju:*

   a. *dettalji dwar pjanijiet li r-rikorrent ghamel fl-ahhar granet qabel l-arrest tieghu liema dettalji jinkludu pjan elaborat b'access ghal diversi pajjizi, assi, persuni lesti li jghinu, u anke akkomodazzjoni;*

   b. *l-ezistenza ta' assi barra minn Malta u konnessjonijiet ta' certu importanza ma pajjizi ohra inkluz access, konnessjoni u investimenti f'kumpaniji varji registrati barra minn Malta;*

   c. *konnessjonijiet u access ghal mezzi ta' trasport u persuni li joperaw mezzi ta' trasport, inkluz access ghal persuni f'karigi relatati ma mezzi ta' trasport u ma access ghal assi u ghajnuna logistika;*

   d. *pjanijiet dettaljati dwar rilokazzjoni bil-familja;*

   e. *rizenji li diga sehhew tar-rikorrent minn inkarigi fin-negozji tal-familja inkluz pjanijiet mfassla biex jittrasferixxi l-assi f'dawk in-negozji;*

   f. *access ghal cryptocurrency li tat lir-rikorrent access ghal xiri ta' oggetti illegali bhal cyanide, armi u drogi inkluz uzu tad-dark web;*

*g. access ghal flus kontanti f'ammonti sostanzjali u trasferimenti ta' flus kontanti f'ammonti konsiderevoli barra mill-pajjiz; u*

*h. konnessjonijiet ma terzi esteri f'negozji mar-rikorrent.*

***Riskju li jigu mfixxkla l-Proceduri***

12. *Illi r-riskju li jekk mehlus mill-arrest l-imputat ifixkel il-proceduri jigi ssindikat fuq provi fattwali rrispettivament mit-tip ta' piena li wiehed ikun qieghed jiffaccja;*

13. *Illi l-kazistika tal-Qorti Ewropea tirrikonoxxi li fil-kaz ta' reati li jinkludu attivita kriminali li titwettaq bil-partecipazzjoni ta' diversi persuni ir-riskju li r-rilaxx ta' imputat jista' jwassal ghal pressjoni fuq xhieda u fuq ko-akkuzati huwa partikolarment riskju gholi;*

14. *Illi c-cirkostanzi ta' dan il-kaz juru bic-car li r-rikorrent ma huwiex l-uniku imputat fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u sahansitra hemm persuni ohra diga akkuzati bl-involviment taghhom f'dan l-assassinju. Izda huwa car ukoll anke minn dak li jghid l-imputat Fenech li hemm jew li jista' jkun hemm persuni ohra involuti f'dan l-assassinju u li l-provi fil-kaz juru li jew huwa stess kellu relazzjoni qarib hafna ma dawn il-persuni jew li l-metodu li intuza f'dan l-assassinju huwa li persuni jigu effettwati b'interessi kummercjali, ta' flus u ta' hbiberiji;*

15. *Illi minkejja dak li jallega jew le r-rikorrent huwa fatt maghruf u dikjarat anke mill-prosekuzzjoni li l-investigazzjoni tal-pulizija ghada ghaddejja hekk kif ghadha ghaddejja ukoll l-inkjesta tal-Magistrat;*

***Riskju li jigu kommessi reati ohra***

16. *Illi l-kazistika tal-Qorti Ewropea ukoll tistabbilixxi li l-gravita tal-akkuza tista' twassal sabiex il-qrati jzommu lill-imputat taht arrest halli jipprevjenu attentati li jigu kommessi reati ohra. Tali riskju irid ikun plawsibbli fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz u b'mod partikolari skond il-personalita tal-persuna imputata;*

17. *Illi l-provi fl-atti tal-kumpilazzjoni juru li r-rikorrent seta' kien partecipi f'reati ohra jew li kien konness ma indagini ghal reati ohra fosthom per ezempju l-ordni tax-xiri ta' velenu u armi u anke li kien sottopost ghal imputazzjoni mill-'Procura Distrettuale della Repubblica Catania';*

***Ir-Rilaxx mill-arrest jista jikkawza dizordni pubblika***

18. *Illi l-kazistika tal-Qorti Ewropea u dik tal-Qrati Maltin tindika li f'kaz fejn hemm indikazzjonijiet specifici ta' htiega genwiena fl-interess pubbliku dan jirbah fuq id-dritt ghal rilaxx minkejja l-prezunzjoni tal-innocenza. Il-kazistika tindika ukoll li dak li l-qrati ordinarji ghandhom jaghmlu huwa li fid-decizjonijiet taghhom huma ghandhom jezaminaw il-fatti kollha li juru l-ezistenza ta' din il-htiega kif ukoll dawk li huma kontra din il-htiega u li dawn il-kunsiderazzjonijiet ghandhom jigu indikati fid-decizjonijiet taghhom. Izda il-kunsiderazzjoni dwar dan hija ta' dawk il-qrati ordinarji fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u mhux tal-Qorti Ewropea jew tal-Qorti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali li r-rwol taghhom huwa li jissindikaw li dan il-process sehh izda mhux li jaghmlu l-process huma stess;*

19. *Illi l-qrati ordinarji qdew sew dan il-kriterju stabbiliet fil-kazistika u kkunsidraw b'mod meqjuz l-ezistenza jew le ta' htiega genwiena fl-interess pubbliku li r-rikorrent jinzamm taht arrest. Huma ma strahux*

*fuq it-tip ta' reat li bih l-imputat huwa akkuzat, izda kkunsidraw ir-reazzjoni pubblika ghal kommissjoni ta' dan ir-reat inkluz l-effett ta' dan ir-reat fuq il-pubbliku u fuq l-interess pubbliku tal-pajjiz;*

*20. Illi dawk il-qrati irravizzaw ir-riskju reali ghab-bazi ta' fatti li juru li r-rilaxx tar-rikorrent mill-arrest jiddisturba l-ordni pubbliku u dan mic-cirkostanzi tal-kaz fuq provi mressqa fil-kumpilazzjoni kif ukoll fuq ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fejn il-fattispecje tieghu huma wiesgha b'konsegwenzi u b'rabta mal-ordni pubbliku;*

*21. Illi ghalhekk fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, id-decizjonijiet tal-qrati penali huma gustifikati u ragonevoli u ma jwasslux ghal vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporati fil-ligi ta' Malta f'Kapitolu 319 u lanqas tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni;*

*Illi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet, semgħet it-trattazzjoni

Ikkonsidrat:

Ir-rikors promotur ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali jattaka prinċipalment id-digrieti li taw il-Qorti ta' indolu penali fejn ċaħdu it-talba tar-rikorrenti għal għoti tal-liberta' proviżorja fil-konfront tiegħu. Senjatament il-lanjanzi tagħhom huma;

- Illi l-Qorti irreptiet r-raġunijiet ġia mogħtija f'digrieti preċedenti biex tiċħad t-talba avvanzata (*stereotyped)*; u
- Illi l-Qorti ma vverifikatx x'kien hemm pendenti qua investigazzjonijiet li setgħu jinfluixxu kontra l-għoti tal-liberta' proviżorja;

- Illi l-Qorti ħadet l-istanza li kienet biss tmerri lid-difiża fis-sottomissjoniet tagħhom biex b'hekk tiċħad it-talba għal-għoti tal-liberta' proviżorja;
- Jissintetizzaw illi ċ-ċaħdiet kienu xpruxnati mis-segwenti raġunijiet, il-preġudizzju għal investigazzjoni, il-ħarba tar-rikorrenti, u lir-rilaxx jista' joħloq disturb pubbliku.
- Arbitrarjeta' tad-deċiżjonijiet (b'mod partikolari kif hekk xprunata mill-prosekuzzjoniu l-Avukat Generali)

Ir-rikorrenti sostna li wara li għaddew 500 ġurnata miż-żamma tiegħu taħt arrest preventiv xejn mir-raġnijiet mogħtija ma jmorru in linea ma dak li trid il-liġi domestika fir-rigward u aktar inċisiv dak provdut fil-kostituzzjoni u l-konvenzzjoni Ewropea.

Ir-rikorrenti jsostnu ukoll illi l-Qorti penali kienet qed tistrieħ biss fuq l-argumenti mressqa bil-kontra għal għoti tal-ħelsien mill-arrest kif imressqa mill-prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali. Tilmenta ukoll li b'hekk dana ta' l-aħħar fil-posizzjoni tiegħu kważi ġudizzjarja qiegħed fil-posizzjoni vantaġġjuża li jagħżel hu minn għandu jingħata l-liberta' proviżorja o meno.

Ikkonsidrat:

Illi in eżami ta' din il-vertenza il-Qorti tħoss li fl-ewwel lok għandha tagħmel is-segwenti premessi. Irrelevanti mir-reat li Yorgen Fenech hu akkużat bih, is-serjeta' tiegħu, il-persuna maqtula u l-impatt mhux negliġibbli li dana kollu kellu fuq ix-xena socio-politiku Maltija, is-Sur Fenech kien u għadu sakemm deċiż mod ieħor mill-Qorti persuna presunta innoċenti. Dana il-Qorti qegħda tgħidu għax kellha l-opportunita' li tisma hi kummenti fiergħa, vojta w inutli tul il-proċess in eżami **li jistgħu jimminaw ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja**. Ma tħossx li kellha għalfejn tagħmel referenza għal Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif fil-fatt għamlet diversi drabi, biex trażżan xejn ħlief paroli żejda li ma jagħmel ġid lil ħadd. Il-proċess ġudizzjarju huwa mmirat biss u unikament biex ssir ġustizzja mal-mejta, l-familjari tagħha, qrabatha u mas-soċjeta' in ġenerali li ġiet milquta bl-istess. Bla dubju kulħadd għandu jħallas t'għemilu, kull min hu involut, bla ebda eċċezzjoni, pero' l-proċess ġudizzjarju mhux intiż għal ebda ***score* politiku** u għajb għal minn jaghmlu hekk!!!

Tqies lir-rikorrenti jressaq it-talbiet tiegħu billi jitlob li din il-Qorti tiddikjara illi: *" ..bl-arrest tar-rikorrent fil-proċeduri il-Pulizija v Yorgen Fenech ġie lez id-*

*dritt tiegħu sanċit fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta"*

Konsegwentement jitlob lil din il-Qorti tagħti *"...dawk id-direttivi sabiex jiġi sanċit id-dritt tiegħu kif prospettat mill-Artikolu 5 tal-Konvenzzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta inkluz dak li tordna r-rilaxx immedjat tiegħu mill-arrest".*

Fl-ewwel lok il-Qorti trid tippuntwalizza illi għalkemm ir-rikorrenti jitlob li jiġi dikjarat leżiv l-arrest tiegħu, fil-fatt l-kawża kollha kemm minn naħħa tal-provi u sottomissjonijiet tar-rikorrenti ukoll dawk tal-intimati u l-intervenuti fil-kawża stradaw din il-kawża **biss** fuq in-nuqqas t' għoti tal-ħelsien mill-arrest.

Ukoll qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tagħmel eżami *in funditus* tal-lanjanza mressqa tħoss li a priori għandha tagħmel is-segwenti kumment dwar l-aħħar parti tat-talba tar-rikorrenti kif hawn riprodotta. Huwa jitlob illi jekk il-Qorti ssib favur it-talbiet tiegħu hija għandha tgħaddi biex bħala rimedju saħansitra tgħaddi biex tordna ir-rilaxx tiegħu.

Kif sew għarfet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Alfred Degorgio et. vs L-Avukat tal-Istat**[19] huma l-Qrati ta' kompetenza kriminali li huma l-aħjar mogħnija u fl-aħjar posizzjoni li jagħtu l-liberta' proviżorja bil-konsegwenza tar-rilaxx mill-arrest preventiv.Din il-Qorti tirrikonoxxi illi f'din il-kompetenza tagħha għandha wisgħa kbira ta' rimedji disponibbli għalija jekk issib ksur biex tagħti rimedju effettiv. Imma r-rimedju irid ikun ukoll wieħed legalment meqjus u studjat u mhux mogħti fl-astratt. Tqies, u dana l-Qorti ma tgħidux b'mod leġġer, illi Qrati ta' kompetenza penali jkollhom dik l-informazzjoni kollha mill-atti proċesswali biex jaslu għal dawn id-deċiżjonijiet u l-kundizzjonijiet li huma opportuni u l' għandhom jiġu mposti f'tali digrieti. Din il-Qorti għamlet snin kbar taħdem f'dan il-kuntest u tibqa' tal-fehma soda li biex Qorti tiddetermina kundizzjonijiet opportuni trid tkun rat sew u fliet l-atti kollha, semgħet sew il-partijiet u ħadet in konsiderazzjoni kull aspett tal-proċess ġudizzjarju biex tasal għal bilanċ meħtieġ bejn id-dritt tal-imputat għal ħelsien mill-arrest u l-integrita' ta' l-istess proċess u l-interess tas-soċjeta' in ġenerali, għax reat barra li jweġġa' lil vittma u lil minn jafha sew, jagħmel impatt ta' instabbilita' fuq is-soċjeta' in ġenerali. Għalhekk it-talba għal ħelsien mill-arrest bħala rimedju mhix fattibbli f'dan l-istadju, anke minħabba in-natura tal-provi mressqa; selettivi ħdejn dawk kompilati, tant li l-Qorti mhix konoxxenti ta' dawk il-fatturi kollha li jistgħu jgħinuha tasal għal kundizzjonijiet ta' ħelsien minn arrest preventiv sakemm ir-

[19] Deċiża 27 ta' Ottubru, 2021

rikorrenti mhux qed jippretendi lil Qorti tagħtih il-ħelsien bla ebda kundizzjonijiet imposti.

A. PROVI

1) In linea ta' provi tressqu quddiemha mill-partijiet digrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ukoll dawk tal-Qorti Kriminali;

a. Digriet mogħti fis-seduta tat-23 ta' Diċembru, 2019[20] fejn il-Qorti Istruttorja ċaħdet it-talba għal ħelsien mill-arrest a bażi tal-biżgħat raviżati fl-Artikolu 575 tal-Kap 9, fosthom u senjatament il-periklu f'dak l-istadju li jiġu intralċjati l-provi u l-kors tal-ġustizzja stante investigazzjonijiet attivi fil-qtil tal-ġurnalista. Żiedet lil ħelsien mill-arrest f'dak l-istadju kellu l-effett li jiddisturba jew jimmina l-ordni soċjali fis-sens imfisser fid-deċiżjoni **Letellier vs France** u ġurisprudenza oħra relatata.

b. Digriet mogħti ukoll mill-Istruttorja datat 20 ta' Frar, 2020[21], fejn il-ħelsien mill-arrest ġie miċħud wara li saret **ampja** referenza għal każistika lokali u dik tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem[22], ġie meqjus li l-investigazzjonijiet kienu ferm attivi għalhekk kien hemm biża' ta' interferenza fl-istess, illi fil-fatt ma kien inbiddel xejn mid-digriet preċedenti li kien jimilita favur bdil fil-ħsieb tagħha. Għalhekk tenut kont ta' involviment ta' terzi oħra fl-ommiċidju, l-Qorti ravvizat il-biżgħat misjub fl-Artikolu 575(1)(d) tal-Kap 9. Enfasizat illi kien għad jonqos xhieda oħra li kellhom jitressqu u baqgħet insistenti fuq il-biża' reali ta' intralċ fil-kors tal-ġustizzja. Il-Qorti straħet ukoll fuq l-element ta' disturb soċjali u diżordni pubbliku.

c. Digriet ieħor tal-Qorti Kriminali datat 7 t'April, 2020[23], li sar fl-isfond ta' l-istat ta' l-emerġenza tas-saħħa pubblika u l-introduzzjoni ta' l-Avviż legali relattivi, fejn it-talba ġiet miċħuda ukoll a bażi ta' l-investigazzjoni wiesgħa *on going* fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, l-involviment ta' terzi persuni fl-istess, persuni li kienu għadhom ma ġewx identifikati, ukoll il-prinċipju ta' *public disorder* kif żvillupat mill-Qorti Ewropejagħad-Drittijiet tal-Bniedem. Hawn il-Qorti kkunsidrat ukoll l-kumplessita' tal-kaz u straħet fuq tagħlim u kunċetti żvillupati mill-Qorti Ewropeja bħal per ezempju dawk fid-deċiżjonijiet

[20] Dok 1 folio 34
[21] Dok 2 folio 38
[22] **Yagei and Sargin vs Turkey; Gaul vs Uk, Meinrad Calleja vs Avukat Generali; John Aquilina et. vs Avukat Generali; Kubicz vs Poland.**
[23] Dok 3 folio 44

**Stvrtecky vs Slovakia u Podeschi vs San Marino**, rigwardanti l-kumplessita' ta' kawzi fejn hu konċernat *organised crime*. Il-Qorti qiesek ukoll l-istadju bikri tal-ġbir tal-provi. Il-Qorti hawn għamlet referenza għal kitbiet fir-rigward in tematika.

d. Digriet ieħor ukoll tal-Qorti Kriminali datat 21 t'April, 2020[24] fejn il-Qorti għamlet eżami ieħor *in funditus* u ferm erudit ta' kull fattur li jista jimilita favur jew kontra l-għoti tal-liberta' proviżorja; in-natura tar-reati mressqa kontra r-rikorrenti; ir-rabta tar-rikorrenti fil-kommessjoni tar-reat, dejjem miżmum li hu għadu meqjus innoċenti; id-data meta ir-rikorrenti ġie arrestat u l-piena li tista tiġi nflita f'każ ta' ħtija; il-modalita' tal-invetigazzjoni kondotta; ir-riskju t'influenza fuq xhieda bil-konsegwenza ta' intralċjar ta' ġustizzja; il-fedina penali tal-imputat; l-assoċjazzjoni u r-rabtiet lir-rikorrenti għandu mas-soċjeta'; ir-riskju ta' ħarba jew lir-rikorrenti jinħeba; l-interess pubbliku ukoll l-istadju li wasslu fih il-proċeduri. Ħarsa lejn dan id-digriet wieħed jara li kien ukoll wieħed **ferm** studjat **b'ampja referenza għal każistika lokali** ukoll dik tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem.

e. Digriet ieħor mogħti mill-Qorti Istruttorja datat fl-1 ta' Settembru, 2020. [25] Il-Qorti hawn għamlet eżami ieħor akkurat ta' kull fattur u element misjuba fl-Artikolu 575 tal-Kap 9 in kwantu għal provi li jinħtieġ li jitressqu biex tiġi ġustifikata id-detenzjoni kontinwa tal-imputat. Hawn il-Qorti tkellmet fuq *well founded allegations* ta' fatturi li jimilitaw kontra l-għoti tal-ħelsien mill-arrest. F'dan id-digriet ġie kkunsidrat ukoll, għax din il-Qorti kienet hi li kienet qed tisma' il-provi tal-Istruttorja, il-fatt li bejn ir-rikorrenti u terzi kien hemm kollużjoni għal fini ta' interferenzi fil-provi u dan meta l-imputat kien għadu ma ġiex imressaq il-Qorti. Ħadet in konsiderazzjoni r-rabtiet li l-imputat rikorrenti kellu ma pajjiżna in kontrast mal-biża' li hu jaħrab minn Malta, li hu ukoll propjetarju ta' lukanda ġewwa Franza; **fattur ġdid in konsiderazzjoni**. Fl-istess digriet ġie anke kkunsidrat fattur ieħor bħal per eżempju li kienu instabu aktar *voice recordings* **ġodda** fuq *hard drive* esebita. Qieset ukoll li kien għad hemm *in genere* li kienet għadda għadejja u li dawn ma kienux ovjament esebiti quddiema. **Dawn il-fatturi ġodda ovjament jidher li bdew jiriżultaw li l-Qorti Istruttorja *mano a mano* li kienet qed tisma' l-provi mressqa quddiemha**. Reġa' ġie eżaminat *in funditus* il-kunċett t'interess pubbliku magħdud mall-fatturi l-oħra msemmija.

[24] Dok 4 folio 49
[25] Dok 5 folio 69

f. Digriet ieħor tal-istess Qorti huwa dak datat 27 ta' Novembru, 2020[26] **fejn issa ġie anke riskontrat il-fatt illi fis-6 t' Ottubru 2020, l-Avukat Ġenerali talab li l-inkjesta maġisterjali kellha titkompla dan nonostante li l-inġenere kienet ġia esebita fl-Istruttorja**. Fl-istess digriet għalhekk barra konsiderazzjonijiet preċedenti rriżulta żgur fattur **ġdid ta' kontinwazzjoni ta' l-inġenere li għalhekk ifisser konservazzjoni __ulterjuri ta' provi__**. Dana kien juri xejn ħlief li l-investigazzjoni fir-reat tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia kienet waħda **ħajja u attiva** jekk mhux ukoll **kumplessa** involventi terzi mhux neċessarjament sa dak il-ħin imressqa jew magħrufa. Il-Qorti hawn reġgħet għamlet referenza għal każistika Ewropeja biex issostni l-biża' ta' intralċ u l-ħarsien ta' l-integrita' tal-ġudizzju.

g.Digriet ieħor mill-istess Qorti huwa dak datat **11 ta' Frar, 2022**[27] Din id-darba l-Qorti barra li ħadet in konsiderazzjoni fatturi ġia minnha eżaminati f'digrieti prċedenti, b'enfażi dejjem fuq il-kumplessita' ta' din l-investigazzjoni u li kienet waħda attiva u kumplessa, żiedet mill-ġdid, għax hi biss kient esposta għal provi li kienu qed jinġabru, **li kienet ukoll nġabet lilha prova tal-assoċċjazzjonijiet u rabtiet kummerċjali li l-imputat kellu ma ġurisdizzjonijiet barranin, bil-konsegwenza ta' tissieħ ta' biża ta' ħarba u intralċjar mal-kors tal-ġustizzja. It-talba reġgħet fil-fatt ġiet miċħuda.**

h.Digriet ieħor ukoll tal-Qorti Istruttorja huwa dak datat 14 t' April, 2021.[28] Hawn il-Qorti qieset it-tul taż-żmien li ilhom għadejjin l-proċeduri ta' l-Istruttorja. Fil-fatt sa dak iż-żmien tlett snin u nofs. Għalhekk sar eżami ta' jekk dan iż-żmien kienx kkunsidrat wieħed raġonevoli fid-dawl tal-fatturi kollha li kienu jiggvernaw l-istess Istruttorja. Il-Qorti reġgħet eżaminat ir-riskji li kienet tirriskontra il-liġi fl-artikolu 575 tal-Kap 9 in partikolari konnessjoni ta' persuni oħra konnessi ma' l-istess delitt, **il-fatt li l-istess rikorrenti kien ġia ġie avviċinat minn terzi li kellhom *"...għarfien dwar ċirkostanzi materjali konċernanti dan il-kaz"* meta lanqas biss kien għadu mressqa**, allura l-biża aktar aċċentwata issa li kienu qed jinkixfu aktar involvimenti f'investigazzjoni attiva, u reġgħet waslet għal konklużjoni li kellha tiċħad it-talba.

i. Digriet ieħor li ġie esebit mill-intervenuti fil-kawża lejn l-aħħar ta' dawn il-proċeduri tal-10 ta' Diċembru, 2021[29]. Digriet tal-Qorti Kriminali fejn mill-ġdid wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni t-tul ta' dawn il-proċeduri reġgħet

[26] Dok 6 folio 84
[27] Dok 7 folio 89
[28] Dok 8 folio 94
[29] Folio 1092

għamlet valutazzjoni fit-tul tal-biża tal-ħarba u l-kumplessita' ta' din l-investigazzjoni, skont dak li rriżulta mix-xhieda prodotta, l-impatt soċjali ta' dan l-ommiċidju, ukoll il-biża ta' intralċjar tal-provi, u wara li wieżnet dan in relazzjoni mat-tagħlim ġurisprudenzjali, reġgħet ċahdet it-talba. Ukoll għamlet referenza għal każistika in tematika in kwantu għal kumplessita' ta' dawn l-investigazzjonijiet, l-involviment ta' terzi in kuntrast ma dak li għandu jkun iż-żmien idoneju u raġonevoli taż-żamma taħt arrest preventiv.

2) Ir-rikorrenti tramite **Doris Fenech**, għar-Reġistratur tal-Qorti esebit diversi estratti mill-atti kemm dawk ta' l-Istruttorja ukoll tal-Qorti Kriminali, inkluż il-vera kopja tad-digrieti ġia hawn fuq elenkati; minn Dok A sa Dok A27.[30] Fl-istess dokumentazzjoni esebita inter alia hemm ukoll verbali tal-Qrati msemmija, rikorsi tar-rikorrenti għal għoti għal ħelsien mill-arrest u risposti għal istess ta' L-Avukat Ġenerali.

3) Ġiet esebita ukoll fuq talba tar-rikorrenti ix-xhieda li ta' **Logan Wood** fl-atti ta' l-Istruttorja[31] fit-13 ta' Awwissu 2020. Sintetikament xehed dwar il-fatt li hu flimkien mar-rikorrenti kienu se jtellgħu d-dgħajsa, yatch ta' tnejn u għoxrin metru lejn Pozallo biex titla' *on the hard* għal manutenzjoni. Ikkonferma li Fenech kien ġieli tela' mieghu għal dan l-iskop. Li kien żamm kuntatt ma' Fenech sakemm dana tela' fuq l-istess *boat* għax kien hemm tal-press, photographers, idduru mal-istess dgħajsa għax kellhom tipoff li kienet se issir ħarba. Ikkonferma li Fenech tah istruzzjonijiet li jinxtgħal it-*tracking system* ta' l-istess *boat*, l-imsejjaħ AIS, biex kollox jidher normali. Ukoll li avża lil Port Authorities huma u ħergin. Senjatament ikkonferma li għalkemm hu kien se jirritorna lura l-ġurnata stess li jwassal id-dgħajsa ġewwa Pozzallo, kien jaf li Fenech kellu ħsieb li jibqa' tiela' lejn La Spezia tant li kien anke saqsieh kemm kien hemm distanza bejn Pozallo u La Spezia bil-karozza. Ikkonferma ukoll li għalkemm ma kellhom ebda data speċifika mal-Yard meta kellhom jieħdu d-dgħajsa f'Novembru, għax il-booking skont l-email minnu prodotta fl-atti ta' l-Istruttorja kienet tirreferi għax-xhur ta' Diċembru sa Frar, li wara ftehim ma l-istess Fenech iddeċidew li jitilgħu bejn il-lejl tas-19 u l-20 ta' Novembru. Qal ukoll li dana kien jiddependi ukoll fuq is-sitwazzjoni tat-temp u kemm kien jippermetti dan. Qal ukoll li kien Fenech li kien issuġerilu li jitilgħu dik il-ġimgħa u hu kien ikkonferma l-availability tal-*yard* għalhekk.

---

[30] Folio 152 sa 360

[31] Folio 401 Dok D

4) L-Avukat ta' l-Istat ressaq bħala xhud tiegħu lis-**Supretindent Keith Arnaud**[32]. Xehed li din l-investigazzjoni kienet maqsuma fi tlett stadji, l-ewwel tressqu l-aħwa Degorgio u Vincent Muscat. It-tieni fażi kienet l-arrest ta' Melvin Theuma u ir-rikorrenti, u it-tielet fażi wasslet għal tressiq ta' persuni li kienu involuti fl-isplussiv, li llum nafu li huma l-aħwa Agius. Qal pero' li issa kienu fir-raba' parti fejn kienet qed tissokat l-investigazzjoni.

Xehed dwar l-ammont kbir ta' xhieda li ġia ġiet miġbura fil-kors ta' l-Istruttorja, fejn xehed li kienu qed jinżammu seduti ta' siegħat twal.

Qal bħala uffiċjal investigatur li kienet inħolqot *task force* ta' *team* wara l-omiċidju tal-ġurnalista. Xehed li parti mix-xogħol tagħhom kien li janalizzaw d-*data* kbira li nġabret minn din l-investigazzjoni u għalih u għal prosekuturi l-analiżi taw *outcome* li kienet ta' tħassib għalihom dwar il-possibilta' lir-rikorrenti jaħrab minn pajjiżna. Dan fiż-żmien ta' Novembru, 2019 meta kien ġie arrestat Melvin Theuma. Jgħid li *qua* investigaturi nnutaw *pattern* ta' *chats* li oriġinaw kmieni filgħodu fis-19 ta' Novembru, 2019, hawn kien biss għadu ġie arrestat biss Theuma. **Senjatament** jgħid li dawn iċ-*chats* li kien qed jixhed fuqhom saru jafu bihom **biss** wara l-arrest tar-rikorrenti, pero' jixhed li fis-siegħat bikrin ta' fil-għodu ta' l-20 ta' Novembru, kellhom informazzjoni li Yorgen Fenech kien se jallontana ruħu mill-gżejjer Maltin bil-*cabin cruiser* u ġie mwaqqaf barra mill-Port il-Kbir u meħud lura lejn Portomaso fejn imbagħad sar l-arrest tar-rikorrenti.

Spjega li huma waslu għal konklużjoni li Fenech kien bi ħsiebu jaħrab minn pajjiżna minn *chats* li ġew elevati bejnu u bejn zijuh *"Uncle Ray"* u ma ħuħ Franco u anke mal-istess ommu.

Ġew fil-fatt esebiti sensiela kbira ta' estratti ta' *chats* miċ-ċellulari ta' l-istess Yorgen Fenech; Dok KA[33], Dok KA1[34]

Is-Supretendent spjega li min analizi li għamel taċ-*chats* esebiti wassal biex ai terminu ta' l-artikolu 575 tal-Kap 9 issostni l-oġġezzjoni tal-prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali għal għoti tal-ħelsien mill-arrest ta' Yorgen Fenech. Għalhekk is-Supretendent silet fix-xhieda tiegħu siltiet mill-istess *chats* biex jiġġustifika l-oġġezzjoni msemmija ai terminu ta' dak li jgħid l-artikolu in kwistjoni.

Għalhekk dwar il-biża tal-ħarba jiċċita minn varji *chats* esebiti li ġew estratti miċ-ċellulari tar-rikorrenti bħal istruzzjonijiet lil Kaptan Logan "*no crew on boat, ara itfi l-apparat"* aktar tard Fenech jagħti istruzzjonijiet li dana fil-fatt għandu jinxtgħal.

---

[32] Folio 431A
[33] Folio 438
[34] Folio 459

F'konversazzjoni ma zijuh jingħad *" isma tużax cards għax dawk traceable. Uża cash biss ħa titla Franza, ħa jiġi ħuk bil-karozza, jippikjak minn hemmhekk, kellimnt il-Avukat qabel ħalli mmur nieħu break u nipprepara sew x'għandi nagħmel"*[35]

Jixhed ukoll li nstabu *chats* dwar kif  Fenech seta' joħroġ mill-ajruport anke *VIP*, li beda jagħmel kuntatti ma nies barra minn Malta, jipprova jsib titjiriet minn pajjiżna malajr, anke li jgħaddi b'mod diskret mill-ajruport tagħna.

Dwar din il-biża ta' ħarba għamel ukoll referenza għal *chat* tat-18 ta' Novembru, fejn ir-rikorrenti irċeva *link* bi *press conference* tal-Prim Ministru li kienet se tingħata il-Proklama lil Theuma fil-konfront t' informazzjoni u xhieda fir-rigward tal-qtil ta' Caruana Galizia[36]. Jgħid li min hawn tiskata *cha*t twila li tagħmel anke referenza għal użu tal-*cards* kif suriferut. Din hija iċ-*chat* lir-rikorrenti kellu ma 'l hekk imsejjaħ *Uncle Ray*.  *Chat* li fiha tiġi diskussa kommunikazzjoni ma avukat[37], fejn Yorgen jgħid lil zijuh *"mhux se ngħaggel"* [38] ukoll illi Yorgen kellu jitlaq lejn post fi Franza fejn kellu jikri dar u jibqa' *"low"*[39].

Is-Supretendent Arnaud identifika din iċ-*chat* fil-ħin ta' 19 ta' Novembru, 2019, fid-9.16am.  Żied li kif jidher miċ-*chats* Yorgen ried ikellem lill-Avukat Ganella qabel ma jitlaq minn pajjiżna u jgħid ukoll li *"Jekk jiġbruni EU f'idejn europol niġi."*[40]

Ikompli li minn din iċ-chat ma Uncle Ray nsibu jekk Yorgen kienx iċċekja l-*airport* kienx *safe,* u li Yorgen jirrispondi *"ma nafdax, naħseb aħjar bid-dgħajsa"*  anke li mill-istess *chat* jirriżulta li kienu anke qed jitkellmu biex jirranġaw għal karozza la darba ir-rikorrenti jasal f'pajjiż ieħor.

Jixhed ukoll illi fiċ-*chat* maz-ziju, u hawn dejjem fil-kuntest tal-ħarba,  illi Yorgen jgħid lil zijuh *"lili armini għax ma ħaqniex"*, **imma biex joħodlu ħsieb lil uliedu.** Jitkellmu ukoll fuq jekk Yorgen kellux ukoll biżżejjed flus minħabba l-vjaġġ.

Is-Sur Arnaud jixhed ukoll li miċ-*chats* jirriżulta illi kien qed jiġi suġerit lilu li jitla Solay, fejn kellu kuntatti sew minħabba xiri ta' żwiemel, għand xi *trainer,* bħala possibilta' ta' kuntatt meta jitlaq minn Malta. Għalhekk skont is-

---

[35] Folio 431G
[36] Dok Ka folio 438
[37] Folio 440
[38] Folio 439
[39] Folio 441
[40] Folio 443

Supretendent kien jidher miċ-*chats* illi l-pjan ta' Fenech kien li minn Sqallija jibqa' tiela lejn Franza. Ikompli ukoll li z-ziju ssaqsi lil Yorgen jekk K, u hawn wieħed jifhem lir-referenza kienet għal Keith Schembri, kienx kellmu, r-rikorrenti kien wieġbu li kien qallu li kellu jżomm kalm għax għal dik il-ġurnata ma kien se jiċċaqlaq xejn.

Jagħmel ukoll referenza għal parti tal-konversazzjoni l-oħra fejn Fenech jgħid lil zijuh li f'Portomaso kien hemm tat-*Times* u li kien qed jfittex possibilta' li jitlaq bl-ajru.

Jkompli x-xhud billi jagħmel referenza għal sensiela ta' *chats* oħra esebiti dwar il-fatt li Fenech kien qiegħed jivverifika ma xi ħadd mill-ajruport dwar xi *flights.*

Dwar il-biża' tal-ħarba is-Supretendent Arnaud qal li hu kellem ukoll lil Logan, il-kaptan, li kkonfermalu li għalkemm hu kellu jinżel lura bil-katamaran immdejatament li jwasslu d-dgħajsa ġewwa il-*yard*, pero' Fenech ir-rikorrenti li kellu jakkompanjah ma kellux jinżel lura miegħu.

Is-Supretendent Arnaud spjega ukoll li minn *chats* kien jirriżulta li filwaqt lir-rikorrenti kien qed jitkellem fuq *chat* ma zijuh kien qiegħed ukoll jitkellem bl-istess mod u skop ma ħuh. Jagħmel referenza għal dawn iċ-*chats*, esebiti bħala Dok KA3[41].

Dwar il-patrimonju li kien jgawdi s-Sur Fenech s-Sur Arnaud reġa' għamel referenza għaċ-*chats* esebiti. Din tiċċentra *chat* li ssir bejn ir-rikorrenti u persuna bl-isem ta' Merwan, aktar tard esebiti bħala Dok KA1[42]. Jgħid b'referenza għal din iċ-*chat* illi ir-rikorrenti kien qiegħed jsaqsi jekk kienx hemm possibilta' li dik l-istess lejla hu seta' jtir minn Malta. Dan fl-istess ħin li hu kien qed jitkellem ma' zijuh dwar li jsib *flight* urġenti. Jekk wieħed fil-fatt jħares lejn iċ-*chats* isib lir-rikorrenti kien qed isaqsi lil dan Merwan għal *flight* lejn Nizza jew Cannes. Jgħidlu ukoll illi huwa kien lest li jitlaq *"..30 minutes max to get to the airport"*[43], jixhed allura is-Sur Arnaud li dan kien indikattiv li Fenech kien lest li jitlaq fil-pront.[44] Ikompli li jekk wieħed isegwi l-ħinijiet taċ-*chats* jara li imbagħad minħabba l-konversazzjoni li l-istess Fenech jkollu ma zijuh, wara li telqu tat-

[41] Folio 472.
[42] Folio 459
[43] Folio 460
[44] Folio 413V

*Times* jiddeċiedi li juża d-dgħajsa u jikkanċella dak li kien qed jipprova jirranġa ma dana Marwen.

Jagħmel ukoll referenza għaċ-*chat* li r-rikorrenti kellu ma' Logan Wood riferut f'dawn iċ-*chats* bħala Logan Riva[45]. Din iċ-*chat* ukoll hija waħda li tikkonċerna id-data tad-19 ta' Novembru, 2019, fejn filgħodu jagħti struzzjonijiet lil kaptan tal-*boat* li ma jużawx *crew* fuq l-istess. Jgħidlu li se jitlaq A.M. għax jagħti inqas fil-għajn *" less fishy"* [46]. Miċ-*chats* jirriżulta li fil-fatt Fenech kellu jinżel f'għaxar minuti, pero' Logan javżah biex ma jinżilx għax kien hemm il-*photographer* tat-*Times*. Jixhed ukoll illi Fenech jinforma lil Logan illi *" it's fine nothing will happen today*" (19.38 ħin) u *"If they ask...Say the boat is due to go to winter maintenance onshore tomorrow"* (l-istess ħin).[47]

Kif jixhed is-Sur Arnauud u jidher mill-istess *chats* Fenech jagħti struzzjonijiet illi jintefa' it-*tracker* hekk imsejjaħ AIS u Logan jagħtih informazzjoni li *"Coast is clear"*. [48] Fenech jinsisti miegħu li *"Go round properly everywhere" "Please" "Make sure" "Coast is clear"*[49]jitkellmu ukoll li t-temp kien aħjar u li kien niezel jagħmel passejn mal-mara *siccome* l-*marina* kienet piutost *busy* u li kellu jinżel ħdejh lejn ċirka nofs il-lejl. Fenech jkompli billi jsasqi lil Logan kemm kien hemm distanza sa La Spezia bil-karozza. Pero' Logan jissuġerilu li seta' ukoll jaqbad *ferry* minn Palermo sa Genoa. Hawn Fenech jgħidlu li kien se jinżel fl-erbgħa ta' filgħodu. Ukoll jagħtih istruzzjoni li kellu jħalli l-bieb miftuħ.

Jixhed ukoll Arnaud dwar il-fatt li issa Fenech jagħtih struzzjoni li jħalli l-AIS mixgħul, li jkun aħjar. Ukoll li ġie infumat illi kien hemm xi nies qed jieħdu r-ritratti u jikkumenta *"Għax dawn jaħsbu se nagħmlu xi grand esacape"* [50]. Ikompli *"Do everything regularly" "Fill in any docs we should etc regularly"*[51]

L-istess dwar il-ħarba s-Sur Arnaud jixhed li Fenech jgħid lil zijuh li kien se jiġbor truck minn Nizza biex ma jikrix karozzi allura ma jħallix traċċa, li dan kien jorbot ukoll mall-fatt li ma kellux juża *credit cards*.

[45] Dok KA2 folio 462.
[46] Ibid.
[47] Folio 465
[48] Folio 466
[49] Folio 467
[50] Folio 470
[51] Folio 471

Is-Sur Arnaud jixhed ukoll dwar *extraction* ta' *chat* oħra li issa tirreferi għal *Whatsapp* bl-isem **net.papa**, li kien qed jintuża minn ħu r-rikorrenti Franco. Din hija esebita bħal Dok KA3.[52]

Jagħmel ukoll referenza għaċ-*chats* oħra esebiti bħala Dok KA4[53] din il-konversazzjoni ma xi ħadd misjub bħala *pilot of STAN*. Jixhed is-Suprtendent illi din iċ-*chat* hija ta' relevanza għax hija ndikattiva li dan il-kuntatt kien ben konoxxenti fil-kummerċ ta' l-ajru. Senjatament jagħmel referenza għaċ-*chats* bejn dan il-kuntatt u ir-rikorrenti datati 19 ta' Novembru, 2019, il-lejl ta' l-arrest, fejn ir-rikorrenti kien qed jivverifika jekk kienx hemm *flights* għal Nizza.

Dwar Dok KA5[54] jixhed li dan iċ-*chat* kien ukoll jikkonċerna il-lejl indikat u kien ma persuna li bħala kuntatt kienet imniżżla bħala Kentzler Nicolas u ma dan Yorgen Fenech kien qed jindaga jekk dan in partikolari kienetx *"avaiable"*[55]. Anke jiddiskutu l-prezz ta' l-istess.

Ta' l-istess natura huwa Dok KA6[56] din id-darba ir-rikorrenti ikun qed jitkellem mal-kuntat Esmee Kamminga. F'din iċ-*chat* Fenech isaqsi għal propjeta' ġewwa Franza u jitlob li jħallas *cash*, u *no papers*.[57] Jirriżulta pero' li d-dar li sablu dan il-kuntatt ma setax jikriha kollha kif ried l-istess Fenech għax kienet tinkera biss bil-kmamar.

Dok KA7[58] hija *chat*, *screen shots* meħuda minn *signal chats* bejn Keith Schembri u l-istess rikorrenti. Fl-istess Schembri, lejliet l-arrest, jgħid lil Fenech li ma kien se jiġri xejn u kellu jżomm kalm.

**Dwar l-assi u l-patrimonju tar-rikorrenti u dan in konnessjoni mal-ħarba** xehed li bħala *task force* fl-investigazzjoni ta' dan ir-reat kien hemm involuta ukoll FCID li stabbilew lir-rikorrenti kellu diversi kuntatti barra minn Malta fejn jidħol *business.*

Jagħmel referenza għaċ-*chat* esebita bħala Dok KA8[59] u KA11[60] din ma kuntatt bl-isem Nicholas. Jgħid li minn din iċ-*chat* jirriżulta illi Fenech kellu kuntatti

[52] FOLIO 472
[53] FOLIO 499
[54] Folio 505
[55] Ibid. U
[56] Folio 507
[57] Folio 509
[58] Folio 520
[59] Folio 538
[60] Folio 610

Franza fir-rigward ta' xiri ta' żwiemel f'ammonti kbar ta' flus, isemmi is-somma ta' tmenin elf ewro. Iżid is-Supretendent li dawn it-tip ta' skambi u kuntatti u *cash transactions* kienu jimilitaw ukoll kontra l-għoti tal-liberta' proviżorja. Iżied dwar il-faċilita' ta' *cash flow* li kellu r-rikorrenti li minn dawn iċ-*chats* jidher ukoll xiri ta' żiemel ieħor li kellu jsir b' *cash ġol-bagalja u li jagħti €5000* lil min kien qiegħed jkellem[61].

Żewġ *chats* oħra KA9[62] u KA10[63] ma persuna li jġib l-isem ta' Patrick Demanuele juru fost l-oħrajn konversazzjonijiet dwar allegati trasferimenti ta' flus kbar.

Is-Sur Arnaud jagħmel referenza ukoll għal *chat* lir-rikorrenti kellu m'ommu; Dok 12[64] minn din iċ-*chat* jgħid is-Supretendent illi jidhru *businesses* u *issues* personali tiegħu ukoll il-ħsieb tieghu li jemigra lejn l-Amerika. Dawn iġibu d-data ta' Jannar, 2019. Jżied li anke ddiskuta m'ommu li kien qabbad kumpanija tħejjilu rapport dwar l-iskejjel tat-tfal ukoll li kien qed jara xi propjeta'. Jirriżulta li dan il-ħsieb kien wieħed li qed jiġi diskuss waqt li kienet għada għadejja l-investigazzjoni tal-qtil.

*Chat* oħra KA13[65] u KA14[66] huma mal-persuna imsemmija Fabrice Solay li miegħu Fenech jitkellem dwar xiri ta' żwiemel. Dawn is-Supretendent jixhed li qed jesebihom biex juri l-assi kopjużi u faċli li għalihom għandu aċċess ir-rikorrenti.

*Chat* oħra id-dokumentata Dok KA 15[67] ukoll turi l-assi kopjużi a disposizzjoni tar-rikorrenti, bħal per eżempju akkwist ta' żiemel għal ammont ta' mitt elf ewro. Ġiet esebita ukoll *email* li Fenech bagħat ta' pagamenti f'ammonti t' eluf[68] dejjem mal-istess persuna konċernata ma dan iċ-*chat*.

*Chat* oħra li ġiet esebita hija dik lis-Sur Feench żamm ma l-ex segretarja tas-Sur Keith Schembri. Minn din iċ-*chat*, esebita bħala DokKA16[69] li ukoll iġib id-data

[61] Folio 548
[62] Folio 600
[63] Folio 607
[64] Folio 693
[65] Folio 746
[66] Folio 774
[67] Folio 795
[68] Folio 806
[69] Folio 807

tas-19 ta' Novembru, 2019, jirriżulta illi Fenech kien se jitlaq bil-*boat* u jmur lejn Franza.

Ġie esebit ukoll id-dokument KA 17[70] li juri pagamneti ta' eluf li Fenech effettwa tramite l-*American Express.*

Dok KA18[71] huma fatturi ta' flejjes, f'ammonti t' eluf li Fenech ħallas in konfront ta' xiri ta' żwiemel lil Haras de Ginai, li jorbtu mad-dokument surifruti Dok KA15.

DokKA19[72] hija kommunikazzjoni li Yorgen Fenech kellu biex jindaga fuq *phone monitor services* inkluż *hacking* ta' telefonija.

Is-Sur Arnaud esebixxa ukoll DokKA20[73] li juri li fis-sena 2018 kien hemm korrispondenza bejn ir-rikorrenti u terzi biex jakkwista **armi, *fire arms***, ukoll ***grenade*** u ħallas għal dawn bil-*bitcon* dana b'użu ta' ***dark web platform***.

Esebixxa ukoll DokKA21[74] fejn jirriżulta illi Fenech akkwista ***cyanide powder*** f'April tas-sena 2019.

Esebixxa ukoll id-DokKA22[75] li huma maħruġin minn Noor Bank f'ammonti kwotati fi flejjes AED allura dirham *qua legal tender* ta' United Arabs Emmirates f'ammonti sostanzli ta' flejjes.

Dwar dan id-dokumenti kollha esebiti, fuq domanda tal-Avukat ta' l-Istat jekk dawn kienux għad-disposizzjoni kollha għal Qorti Istruttorja u dik Kriminali fil-konsiderazzjonijiet tagħhom għat-talbiet tal-ħelsin mill-arrest, dan ix-xhud wieġeb li ma kien hemm xejn lil qrati imsemmija kellhom nieqes minn dawk li rċeviet il-Qorti odjerna kif hawn espost.Għalhekk kull dokument kien ad disposizzjoni tal-Qrati ta' indolu penali fil-konsiderazzjonijiet tagħhom.

Fuq domanda tal-intervenuti fil-kawża is-Sur Arnaud ikkonferma ukoll illi f'*chat* minnhom ma ħuh Franco, li bħala contact jidher imniżżel Net.Papa kien hemm konversazzjoni da parti tar-rikorrenti li kienet tgħid testwalment *"we need to prepare a car, we can't rent and run away with it"* . Dan fil-fatt ġie kkonfermat mill-istess Supretendent. Dan l-estratt fil-fatt jinsab esebit bħala parti minn Dok KA3 a folio 484.

[70] Folio 816
[71] Folio 818
[72] Folio 820
[73] Folio 824
[74] Folio 827
[75] Folio 830

Is-Supretendent ġie mistoqsi ukoll dwar jekk  kienx hemm qatt seduti li ma nżammux quddiem il-Qrati ta' kompetenza Kriminali minħabba nuqqas ta' attendenza tal-prosekuzzjoni; wiegeb fin-negattiv. Wieġeb li qatt ma kien hemm ebda differiment u li kienu jinżammu seduti effettivi ta' siegħat twal.

Domanda oħra saret da parti ta' l-intervenuti fil-kawża kienet fil-konfront ta' *chat* oħra li ma ġiex esebita li kienet tikkonċerna xiri tad-dar ġewwa Franza Pariġi li Fenech jgħid li xtara għal ammont ta' tmien miljuni Maltin. Fil-fatt aktar tard is-Sur Arnaud esebixxa din iċ-*chat* bħala Dok KA23[76] minn fejn jirriżulta illi skont dak li jgħid l-istess rikorrenti ġo  *Whatsapp chat* ma Ian Pace Ciscaldi li hu kien xtara ġewwa Pariġi dar għal ammont ta' tmien miljuni u swietu tnejn oħra.[77]

In kontro eżami is-Sur Arnaud ikkonferma illi fejn si tratta invretigazzjonijiet dwar l-omiċidju li kienu jirrigwardaw **b'mod dirett lir-rikorrenti** dawn kienu konklużi.

Dwar il-verifiki lis-Sur Arnaud kien għamel dwar dak kollu li xehed fir-rigward taċ-*chats* **kollha** minnu esebiti, ġie mistoqsi in kontro eżami x'tip ta' verifiki għamel dwar l-informazzjoni estratta, per eżempju dwar dak li xehed fil-konfront ta' l-akkwist tal-propjeta' imsemmija ġewwa Franza,  huwa wieġeb li m'għamel ebda verifiki ma ebda entita' dwar il-veraċita' ta' dan l-akkwist u qagħad u straħ fuq dak li kien qed jgħid l-isess rikorrenti fil-komunikazzjonijiet tiegħu. Għandu jingħad li dan irreptih għal diversi drabi fuq mistoqsijiet identiċi fir-rigward li saru lilu n kontro eżami. Għalhekk xehed ukoll li dwar *chats* oħra ġia esebiti, bħal per eżempju dwar l-assi tas-Sur Fenech,  li kien hemm sezzjoni oħra tal-pulizija li kienu qed jinvestigaw dan, hawn b'referenza għal imsemmija Task Force maħluqa speċifikatament biex jiġi solvut dan l-omiċidju, pero' kien ikkonferma li kien kellem nies oħra li dehru fiċ-*chats* esebiti bħal  kaptan Logan u Keith Schembri.

Ikkonferma lil kontenut tat-telefon ġie użat fil-kwistjoni tal-*bail*, dawn iċ-*chats* kienu l-bażi li xprunnat il-biża' fil-konfront tal-għoti mill-ħelsien mill-arrest.[78]

Dwar dan il-parti tal-kontro-eżami sar intevent minn Dr Commodini Cachia għal intervenuti fil-kawża fejn ippreċiżat li hi bħala prova kienet talbet illi jekk mill-verifiki li kien għamel is-Sur Arnaud miċ-*chats* tas-Sur Fenech kienx irriżulta li hu kien iddikjara li kien xtara propjeta' ta' tmien miljuni ġewwa Pariġi u mhux Londra in kwantu Pariġi kienet inqas transparenti minn Londra. Dan fil-fatt irriżulta miċ-*chat* KA 23 esebita.

---

[76] Folio 1008
[77] Folio 1012
[78] Folio 855

Is-Sur Arnaud ikkonferma ukoll in kontro ezami illi qabel id-19 ta' Novembru, ma kien ebda mandat ta' arrest fil-konfront tar-rikorrenti. Ikkonferma ukoll illi nonostante ċioe minn dak li rriżultalu qabel l-arrest Fenech kien ben konnoxenti li kien qed jiġi investigat dwar l-omiċidju. Jgħid li dan jgħidu minn dak li rriżultalu wara mill-investigazzjoni. Jikkonferma pero' li qabel d-19 u l-20 Fenech sa fejn kien jaf hu qatt ma kien ġie mitkelem mill-pulizija u s'hawn hu kien jemmen li Fenech ma kien jaf xejn dwar l-investigazzjoni. Ikkonferma ukoll illi qabel il-mandat ta' arrest ta' l-20 ta' Novembru, ma kien inħareġ ebda mandat ieħer fil-konfront ta' Fenech fir-rigward ta' l-omiċidju. Ikkonferma ukoll illi qabel id-19 ta' Novembru, qabel l-arrest Fenech qatt ma kien fuq *police bail*. Għalhekk is-Sur Arnaud ikkonferma ukoll li ma kien hemm xejn li kien jinnibixxi lil Fenech milli jsiefer. Ikkonferma ukoll li tul l-investigazzjoni dwar l-omiċidju, qabel ma ġie arrestat ir-rikorrenti kien siefer diversi drabi. Ikkonferma ukoll li fil-fatt l-arrest ta' Fenech ma kienx pjanat li jseħħ fl-20 ta' Novembru. Ikkonferma ill l-arrest ġie instigat minn *"...attivita' ... tard bil-lejl, naħseb kmieni sbieħ, kmieni ħafna l-għoxrin(20), illi rajna ċaqliq tas-Sur Fenech li tanax'nifhem li ħa jitlaq minn Malta"*[79]

In kwantu għal fatt li kien għadu kif xehed lir-rikorrenti kien siefer diversi drabi tul l-investigazzjoni fl-omiċidju, u għax hawn il-pulizija kienet għad temmen li hu ċioe Fenech ma kienx jaf li kien qed jiġi investigat, allura għala dak il-lejl dan il-moviment bid-dgħajsa kellu jinstiga l-arrest, is-Sur Arnaud wieġeb illi; *"...considering li kien dik l-attivita' qed tiġri meta kellna fin-news ħiereġ kollox.. ehe kienet fin-news illi kien hemm Melvin qed jiġi kkunsidrat għall-maħfra presidenzjali, fuq Melvin dak ic-change of pattern fejn is-soltu lili qaluli bl-ajruplan, issa did-darba għandna boat, fil-kuntest ta' dak li kien qed jiġri mbagħad fil-media , imbagħad hemmhekk aħna bżajna"*[80]. Fil-fatt ikkonferma li nkwantu kienu qed jiddependu mir-riżultanzi ta' l-investigazzjoni, il-pulizija ma kellhiex data (date) speċifika għal arrest ta' Fenech. Għalkemm ikkonferma fuq domanda ta' l-avukat tar-rikorrenti lli Yorgen Fenech kien ħareġ bil-*boat* diversi drabi, żied li tali użu ma kienx *"... daqshekk frekwenti . Pero ...kif għidt...dakinnhar li ttrigerjalna (sic) il-biża kien propju x'kien qed jiġri fil-pajjiż, li jekk qabel ma kontx naf-ma kontx naf is-sur Fenech hux veru kien infurmat, kienet żgur għax kienet fil-media, l-iżvillupi fuq il-kaz.." "Imbagħad... jekk mhux sejjer żball-..Melvin Theuma kien arrest on a Thursday. Il-gimgħa, is-Sibt u l-Ħadd ma kien ħareg xejn. U hemmehekk ma ġara xejn. Meta ngħid ma ġara xejn fil-media, jekk miniex sejjer żball. It-Tnejn, jekk mhux it-Tnejn insejt il-weekday x'kienet imma lejn l-arrest tas-Sur Fenech, bdew rraputaġġi fil-media. B'dawk*

[79] Folio 872
[80] Folio 873

*ir-rapputaġġi, ovvjament fejn jissemma Melvin Theuma u d-direzzjoni tal-kaz lejn maħfra presidenzjali, plus l-attivita' tal-Portomaso, plus li aħna konna nafu li jekk tingħata l-proklama, eqq, biha kien ħa jiġi arrestat Yorgen Fenech, equals il-biża tagħna. U dak kien differenti mis-soltu.''*[81]

Ikkonferma ukoll meta riferut għal noti (mhux esebiti f'dawn il-proċeduri) li hu kien ta l-*police bail* lir-rikorrenti għal diversi drabi, almenu għal erba' darbiet, u li dana kien dejjem aderixxa ma kull kundizzjoni. Żied ukoll illi għal ħafna minn dawn id-drabi, bi qbil bejn il-partijiet kollha nvoluti r-rikorrenti kellu pulizija għassa miegħu, saħansitra ġewwa daru.

Innega ukoll illi l-proklama ta' Melvin Theuma kienet biex jiġi implikat is-Sur Fenech fl-assisinju ta' Daphne Caruana Galizia. Spjega ukoll illi Fenech kien anke talab il-proklama flimkien ma Theuma pero' ingħatat lil Theuma biss. Ir-rikorrenti kien reġa' talab it-tieni proklama. Spjega li minħabba f'hekk hu ħass li anke għaliex Fenech kellu l-pulizija miegħu allura ma kienx hemm problema. Qal li fil-fatt wara li ħarġet il-proklama ta' Theuma, Fenech kien talab it-tieni proklama u hawn sakemm ġiet deċiża din it-tieni talba kien bil-*police bail*.

Fuq domanda ta' l-avukat tar-rikorrenti dwar din il-biża' fanomatika tal-ħarba tant li Fenech reġa' ngħata l-*police bail* nonostante dak li kien qal fuqu Theuma, wieġeb li meta Fenech ġie arrestat ġie mogħti immedjatament id-*disclosure*, ukoll li kien talab il-proklama allura kien qed jistenna l-eżitu tagħha. Ukoll li kien hemm qbil bejn il-partijiet li Fenech ikollu pulizija miegħu d-dar *around the clock*. Ma dan ukoll iżied li kienu anke infurmati l-*port* u *airport controls*. Qal li dan kien arrangament li seta' jsir biss għal żmien qasir, ċioe' li Fenech jkollu dik it-tip ta' sorveljanza' miegħu.

Ikkonferma ukoll illi Fenech kien dejjem koperattiv u li qatt ma kien perikoluż.

Ikkonferma ukoll lit-tieni talba għal proklama ġiet miċħuda fid-29 ta' Novembru ukoll li hawn dak in-nhar is-Sur Fenech ma kellux pulizija d-dar miegħu u li nonostante ċioe ma telaqx minn Malta. Żied li minħabba f'hekk il-pulizija kienet għal ftit siegħat ħadet ċerta miżuri preventivi. Jżied ukoll li dana seta' ssir għax kien limitat għal ftit siegħat biss.

Bl-istess mod ikkonferma is-Sur Arnaud li fejn xehed dwar l-aċċess faċli li Fenech għandu għal pajjiżi esteri, dan għamlu ukoll miċ-*chats* esebiti. Żied li hu kien konoxxenti ta' kemm Fenech kien immur frekwentement għal esteru.

[81] Folio 889

Reġa' spjega lil biża' tal-prosekuzzjoni dwar il-ħarba kienet ferm ibbażata fuq dak li rriżulta miċ-*chats*, semma diskors li sar ma Logan bħal li jinxtgħel u jintefa' il-GPS u li kellu jiċċekja il-kosta. Fenech kien jivverifika u jagħmel *checking* dwar *flights* għal barra minn Malta, żied li għalih deher ċar l-intendiment tar-rikorrenti.

Da parti ta' l-intervenuti fil-kawża is-Sur Arnaud ġie mistoqsi jekk waqt li Fenech kien fuq *police bail*, minkejja miżuri ta' sorveljanza' u sigurezza, kienx xorta iddiskuta l-pateċipazzjoni tiegħu fl-omiċidju. Wieġeb li kien l-istess Fenech li kkonferma dan, ċioe li meta mar iżżuru t-tabib kien għaddielu notamenti mingħand Keith Schembri ta' dak li kellu jgħid biex jottjeni l-proklama. **Dana meta kien taħt is-sorveljanza tal-pulizija**. Ikkonferma ukoll li Fenech kellu anke fil-pussess tiegħu dokument li kien ġie ffirmat bejn Melvin Theuma u l-pulizija qabel ma l-istess Fenech ġie arrestat. Dokument li l-pulizija kienu qegħdin jaħdmu fuqu. In konnessjoni ma dan ikkonferma li l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' l-omiċidju kienu għadhom għadejjin.

Żied ukoll li Theuma kien qed jgħidilhom li kien qed jirċievi informazzjoni li ma kien se jsir ebda arrest, li ma kien se jiġri xejn, pero meta raw il-bidla dak li huma jsejħu ċaqliq, ħadu azzjoni u arrestaw lir-rikorrenti. Żied li Theuma anke kien qal li kien jiddiskutu l-każ ma Fenech u jikkalmah minħabba l-informazzjoni kif ingħad li dan ta' l-aħħar kien qed jirċievi mingħand Johan Cremona. Qal ukoll li da parti tiegħu, skont dak li qallu Theuma, Yorgen kien jgħid lil dan li stante li kellu l-flus u kien b'saħħtu, ma kienu se jmisshom ħadd.

L-avukat tar-rikorrenti ikkontrasta dan billi ssugerixxa lis-Sur Arnaud li nonostante ċioe, konnoxxenti minn dana kollu, xorta fid-29 ta' Novembru, 2019 hu ta l-*police bail* lil Fenech, wieġeb illi dana għamlu għax l-investigazzjoni hekk iddettat.

Fuq domanda ta' l-avukati tar-rikorrenti kkonferma illi fil-fatt kien is-Sur Fenech stess li żvela mall-pulizija li kellu fil-pussess tiegħu d-dokumenti ndikati, pero' żied li *qua image* tal-proklama misjuba għand Fenech, dik ta' Theuma, l-pulizija kienu xorta jindunaw għax kienu jsibu l-istess bħala image fil-*mobile phone* tar-rikorrenti.

Is-Sur Arnaud ġie mistoqsi ukoll dwar l-ifriżar ta' l-assi ta' l-istess rikorrenti ad distinzjoni ta' dawk li kienu jaqaw fil-patrimonju tal-familja tiegħu. Per parentesi ma nġabet ebda prova dwar liema assi kienu milquta jekk dawn kienux jolqtu ukoll dawk tal-familja, ġie pero' stabbilit tramite x-xhieda tas-Sur Arnaud lil *boat, yatch,* anke jekk kienet maqbuda baqgħet fi ħdan il-familja Fenech.

5) Da parti tiegħu l-Avukat ta' l-Istat ressaq lil lis-**Spettur Kurt Żahra**. Xehed dwar dak li ġie estratt mill-*mobile phone* tar-rikorrenti dwar assoċjazzjonijiet u assi appartenenti lir-rikorrenti lil hinn mill-Ewropa. Xehed li ġew estratti *chats* waħda ma ċertu Salman Rahman Ministru ġewwa l-Bangladesh, u diskussjonijiet li kellu minħabba dan ma' Catherine Halpin, (Electrogas), ma' Pierre Portelli u anke maċ-Chief of Staff Dok KZ[82]. Minn dawn iċ-*chats* skont l-istess xhud jirriżulta li Fenech jitkellem fuq proġett li kellu ġewwa l-Bangladesh fis-settur tas-*social housing*. Dok KZ1[83] juri chats ta' negozju ma l-imsemmija Catherine dwar negozji ta' żjut fost oħrajn. U dak KZ2[84] ma' Pierre Portelli fuq l-istess linja. Dok KZ3[85] *chat* imsejħa Libja jiġi diskuss negozju ta' żejt li jista' jsir ġewwa l-Libja, anke ma ċertu Turab Mussajev *recte* Turab Musaif.

Jgħid ukoll li ma kienx eżawrejenti fil-konfront tad-dokumenti li esebixxa, jitkellem dwar *chats* li ġia għamel referenza għalihom Arnaud dwar il-ħsieb ta' Yorgen Fenech illi jemmigra ġewwa Miami. Jgħid ukoll dwar konessjonijiet li Fenech għandu ma' Dubai, pero' waqaf hemm minħabba li din kienet għada suġġetta għal investigazzjoni.

Sar ukoll il-kontro ezami ta' dan l-aħħar xhud. Għalhekk l-Ispettur Żahra rrisponda illi safejn kien jaf hu u minn riċerka li ssir fuq *open source* il-kuntatti li kellu bħala *chats* Yorgen Fenech ma jirriżultax għalih li kienu kriminali jew li kienu hekk investigati.

Anke dan ix-xhud ikkonferma li mogħti l-*police bail*, Yorgen Fenech dejjem qagħad mall-kundizzjonijiet impostu. Qabel ukoll li f'okkażżjoni minnhom għalkemm Fenech ma riedx iżjed sorveljanza tal-pulizija (ġo daru) li kif ingħad kienet saret bi qbil bejn il-partijiet, reġa' minn jeddu talab għal-istess.

Żied li kien hemm anke ċertu dewmien biex jiġi interrogat is-Sur Fenech għax da parti tiegħu kien hemm anke attentat biex jinqala' dan mill-investigazzjoni.

Ikkonferma li anke hu kellu l-impressjoni li Yorgen Fenech kien konxu li kien se jitressaq u hawn meta kien qed jiġi mistoqsi fil-konfront ta' l-aħħar *police bail* fejn Fenech ma kellux sorveljanza tal-pulizija pero xorta m' għamilx tentattiv li jaħrab.

[82] Folio 1030
[83] Folio 1035
[84] Folio 1071
[85] Folio 1080

Fuq domanda ta' l-intervenuti fil-kawża wieġeb li kien konoxxenti mill-fatt li ġewwa Houstan, Yorgen Fenech kien ġie kkundanat xahar ħabs għax inqabad b'sustanza illegali u li kien ammetta għal din l-akkuża.

Spjega ukoll li ma kienx fil-ħsieb tal-pulizja li Fenech jiġi arrestat fid-data li okkorra l-arrest għax il-pulizija kienet għadejja b'investigazzjoni kumplessa fil-konfront ta' Theuma. Qal li Fenech ġie arrestat minħabba l-attentat tiegħu biex jitlaq minn pajjiżna. Qal li wara l-arrest ta' Fenech il-pulizija kienet rinfaċċata b'żewġ investigazzjonijiet kumplessi, fil-konfront ta' Theuma u tar-rikorrenti, li kienu qed isiru ħafna *cross references* ta' dak li kien qed jirriżultalhom biex jaraw minn kien veritjier. Qal li wara li taw id-*disclosur*e lil Fenech allura kien okkurant anke tar-*recordings* li kellhom, dana talab l-ewwel proklama. Spjega li ma kienetx investigazzjoni li setgħu jlestu fit-tmienja u erbgħin siegħa, allura użaw l-għodda tal-*police bail.*

Qal ukoll u semma l-ittri li ntbagħtu lil Fenech waqt li kien fuq *police bail* dwar il-verżjoni li kellu jagħti lil pulizija. Ukoll ikkonferma li kien l-istess rikorrenti li kien qallhom li kien ġie avviċinat.

Da parti ta' l-Avukat ta' l-Istat ġie esebit ukoll traskrizzjoni ta' konferenza stampa li saret mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-24 ta' Frar, 2021; Dok SA1.[86]

**B. Konsiderazzjonijiet**

Illi għandu jiġi miżmum illi l-Qorti għamlet dan is-sinteżi tax-xhieda mressqa għax hu propjament fuq dawn il-provi li l-Qorti tista teżamina d-digrieti attakati f'din il-vertenza kostituzzjonali u konvenzjonali. Il-Qorti fil-fatt fuq domanda tagħha speċifika assigurat illi l-Qrati ta' indolu penali kellhom quddiemhom dik l-informazzjoni kollha li ġiet mressqa lilha u kien fuq tali valutazzjoni li waslu għal konklużjonijiet tagħhom.

Punt ieħor li trid tagħmel il-Qorti lli l-livell ta' prova hawn meħtieġ huwa dak sal-bażi tal-probbali. Għalhekk kien jispetta lil kull minn mill-partijiet kellu xi prova xi jressaq li jassigura dan. ***Sic et simpicitur.***

[86] Folio 434

Terġa' tfakkar li hi mhux msejħa f'din il-kompetenza li tkun it-tielet Qorti ta' reviżjoni fil-konfront tad-digrieti ta' ċaħda lamentati, lanqas biex isservi ta' xi *judicail review* jew appell mill-istess.

Hi mitluba biex teżamina jekk hemmx ksur avvanzat ai terminu ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Dritijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni in kwantu r-rikorrenti nonostante varji talbiet mressqa minnu għal-għoti tal-ħelsien mill-arrest, dan ġie miċħud lilu dan kif rifless fid-digrieti suriferuti.

Il-Qorti mela f'dawn il-proċeduri trid tara jekk il-Qrati ta' indolu penali kienux konformi ma dak li trid il-liġi fir-rigward tad-detenzjoni kontinwa ta' Yorgen Fenech pendenti il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, pero' dan biss mill-ottika tal-lanjanza mressqa u mhux bħala reviżjoni ta' l-istess digrieti.

Bla dubju ta' xejn Yorgen Fenech ilu żmien konsiderevoli miżmum taħt arrest preventiv. Huma ċ-ċirkostanzi li jwasslu għalhekk lil din il-Qorti trid tara magħduda mat-tagħlim kostituzzjonali u konvenzjonali.

Huwa miżmum illi kif żvillupat mill-każistika tal-Qorti Ewropeja, erbgħa huma ir-raġunijiet aċċetati li jsostnu l-bażi legali ta' rifjut ta' ħelsien mill-arrest.

*a) the risk that the accused wil fail to appear for trail;*

*b)the risk that the accused, if released, would take action to prejudice the administration of justice,*

*or (c) commit futher offences , or*

*(d) cause public disorder*[87].

Il-liġi nostrana minn naħħa tagħha tirregola dan l-aspett bl-Artikolu 575 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

575.*(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 574(2), fil-każ ta' –*

*(i) imputat ta' delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern, jew*

*(ii) imputat ta' delitt suġġett għall-piena ta'priġunerija għal għomru,*

[87] Ara **Guide to Aricle 5- Right to Liberty and Security** tal-Kunsill Ewropej-last updated 31.12.2021

*il-Qorti tista' tagħti ħelsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tkun tidher li hirilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jiġi meħlus mill-arrest –*

*(a) jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*
*(b) jinħeba jew jitlaq minn Malta; jew*
*(ċ) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet tagħha li bih jingħata l-ħelsien; jew*
*(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra;jew*
*(e) jikkommetti xi reat ieħor.*

L-eżami li trid tagħmel il-Qorti hi jekk l-interpretazzjoni li qed jagħtu il-Qrati tagħna fir-rigward tar-rekwiżiti għal ħelsien mill-arrest hux in konformi ma dak miżmum u kif interpretat fl-Artikoli 34 tal-Kostituzjoni u 5 tal-Konvenzjoni.

A priori jingħad illi xejn ma hemm inkompatibbli bejn kelma tal-liġi nostrana u dik Ewropeja fil-konfront tal-konsiderazzjonijiet li trid tagħmel il-Qorti biex tagħti l-ħelsien mill-arrest. Dan il-Qorti qegħda tgħidu minħabba l-insistenza da parti tar-rikorrenti illli siccome' l-element ta' *public disorder* mhux konfiguranti fl-artikolu nostrali in tematika allura dana m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati tagħna fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom għal għoti tal-liberta' proviżorja. Tali argumentazzjoni hija għal kollox żbaljata ġia mis-sempliċi fatt li Malta hija aderenti mall-Konvenzjoni msemmija bl-inevitabilta' lil kazistika u nozzjonijiet kif żvuillupati mill-Qorti Ewropeja huma ukoll applikabbli għalina fil-każ in eżami. Pero' dan huwa punt li se jiġi żvillupat aktar l'isfel. Basta wieħed hawn ifakkar fil-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tqies li kull kumment ieħor ikun superfluwu.

L-artikoli tal-liġi invokati mir-rikorrenti kemm dak nostrali ukoll dawk rifless fil-Konvezjoni huma intiżi biex jassiguraw in-nuqqas t'arbitrarjeta' da parti tal-Qrati edotti bit-talbiet għal ħelsien mill-arrest u ta' kull detenzjoni in ġenerali. Issegwi għalhekk li kull talba eżaminata għal ħelsien mill-arrest biex tkun konformi kemm mall-liġi domestika nostrali, mal-kostituzzjoni lokali ukoll mal-Konvenzjoni Ewropeja għad-drittijiet tal-bniedem, trid tkun bilfors waħda li tistrieħ fuq l-artikoli suriferuti u għalhekk meħlusa minn kull arbitrarjeta' jew nozzjoni oħra biex tiġi ġustifikata detenzjoni prolongata.

Huwa paċifiku illi d-detenzjoni tar-rikorrenti Fenech hija legali bis-saħħa ta' l-artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni, u ċioe minħabba ***" the lawful arrest or detention of a person effected for the purpose of bringing him before the competent legal authority on reasonable suspicion of having committed an offence or when it is reasonably considered necessary to prevent him committing an offence or fleeing after having done so" ukoll bis-saħħa ta' l-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjonali tagħna li jaqra "Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-liberta' personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjien jiġifieri-***

**...**

***(f) fuq suspett ragonevoli li huwa kkometta, jew sejjer jikkometti, reat kriminali."***

Stabbilit lid-detenzjoni inizjali ta' Fenech kienet ċertament taqa' fil-parametri indikati, **u jidher mill-atti li m'hemm ebda kontestazzjoni fuq hekk**, jgħodd għal dan l-eżerċizzju jekk tali detenzjoni baqgħetx waħda raġonevoli u jekk l-eżami fir-rigward mill-Qrati hux wieħed ġenerali, magħmula fl-astratt u sterjotipat fil-motivazzjonijiet mogħtija.

Insibu li l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni huwa maħsub biex jassigura *"the principle of proportionality (see, for example, Enhorn v. Sweden, no. 56529/00, § 36, ECHR 2005-I) and the principle of protection against arbitrariness (which is, moreover, the very aim of Article 5 – see, inter alia, Erkalo, cited above, § 52)."*[88]

Ukoll u tant hija t'enfażi din in-nozzjoni kontra detenzjoni arbitrarja illi; *"40. The notion of "arbitrariness" in Article 5 § 1 extends beyond lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and thus contrary to the Convention (Creangă v. Romania, § 84; A. and Others v. the United Kingdom [GC], § 164)."*

**Dak li jingħad fil-konfront ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni huwa daqstant applikabli għal artikolu 34 tal-Kostituzzjoni n kwantu huma mmirati lejn l-istess skop, għalkemm minn dak ċitat l-artikolu 5 jaf ikollu applikazzjoni aktar wisa'.**

L-ksur u l-arbitrarjeta' li hi mistiedna teżamina l-Qorti hija dik skont ir-rikorrenti riflessa fid-digrieti ta' ċaħda għal għoti tal-liberta' proviżorja minnu mitluba għalhekk allura dawk li skontu mhux in konformi mar-rekwiżiti apposti elenkati fl-artikolu 575 tal-Kap 9, l-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

---

[88] Ara Simmons Vs Belgium §32

T' interess f'dan ir-rigward dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta b'mod ferm erudit fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Dr.Patrick Spiteri vs L-Avukat Generali et.**[89] meta għamlet analiżi tar-rekwiżiti ta' l-artikolu tal-kostituzzjoni u dak konvenzjonali u l-elementi li jsawru detenzjoni legali kemm qabel il-bidu tal-proċess ġudizzjarju u tulu. Qalet;

*"A)* ***Konsiderazzjonijiet dwar l-arrest***
*Illi l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi għall-jedd fondamentali tal-ħelsien minn arrest jew detenzjoni arbitrarja li bihom persuna tiġi mċaħħda mil-liberta' personali. Dak l-artikolu jaħseb f'għaxar (10) ċirkostanzi fejn, minkejja tali ċaħda u b'awtorizzazzjoni tal-liġi, dak il-jedd ma jitqiesx miksur. Fost dawn iċ-ċirkostanzi, wieħed isib dik li titkellem dwar suspett raġonevoli li l-persuna tkun wettqet jew sejra twettaq reat kriminali18. F'kull każ, madankollu, min ikun arrestat jew miżmum għandu, fil-waqt tal-arrest jew żamma, jiġi mgħarraf b'ilsien li jifhem bir-raġunijiet għal dak l-arrest jew żamma19. Imma l-liġi trid ukoll li kull min jiġi arrestat jew miżmum biex jitressaq quddiem qorti (fl-eżekuzzjoni ta' l-ordni tagħha) jew fuq suspett raġonevoli li jkun wettaq jew sejjer iwettaq reat kriminali, għandu jitressaq quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin (48) siegħa minn dak l-arrest jew żamma, jekk ma jkunx sejjer jinħeles minnhom qabel. Mhux hekk biss, imma f'każ ta' persuna suspettata raġonevolment bit-twettiq ta' reat, din trid tinħeles, jew b'kundizzjonijiet raġonevoli jew mingħajrhom, jekk kemm- il darba dik il-persuna ma tistax tiġi ġudikata fi żmien raġonevoli. Il-kundizzjonijiet imsemmija jridu jkunu ta' għamla u ħtieġa li bihom il-persuna hekk meħlusa jkun żgurat li tidher f'data aktar tard għall-kawża tagħha (dwar dak ir-reat) jew proċeduri preliminari marbutin magħha. Kull min jiġi arrestat jew miżmum arbitrarjament minn xi ħaddieħor, għandu jedd ifittex għall-kumpens minn dik il-persuna*[90]*;*

*Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi li hu dritt ta' kull persuna għal-liberta' u s-sigurta' tagħha, u ħadd m'għandu jiġi mċaħħad mill-ħelsien tiegħu. Dak l-artikolu wkoll isemmi sitt (6) ċirkostanzi li huma meqjusa l-eċċezzjoni għal dan il-jedd, jekk kemm-il darba jkunu skond proċedura preskritta mil-liġi. Fost dawn hemm l-arrest jew żamma skond il-liġi ta' persuna li tkun naqset li tħares ordni skond il-liġi ta' xi qorti*[91] *jew l-arrest jew żamma skond il-liġi ta' persuna li titressaq quddiem awtorita'legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun wettqet reat jew ikun raġonevolment meħtieġ li dik il-persuna ma titħalliex twettaq reat jew taħrab wara li twettaq reat*[92]*. Meta persuna tkun arrestata jew miżmuma bil-ħsieb imsemmi f'dan it-tieni każ, hija għandha titressaq bla dewmien quddiem ġudikant u jkollha dritt għal proċeduri fi żmien*

[89] 23 ta' Diċembru, 2022; rikors 34/2002/1
[90] Art 34(1)(f) tal-Kostituzjoni
[91] Art 5(1)(b)
[92] Art 5(1)(c)

*raġonevoli jew ħelsien waqt iż-żmien li jkun qiegħed jinstama' l-każ tagħha*[93]. *Tali ħelsien jista' jkun b'kundizzjoni ta' garanziji maħsuba biex jiżguraw li dik il-persuna tidher għas-smigħ. L-artikolu jrid ukoll li persuna arrestata tiġi mgħarrfa minnufih b'ilsien li tifhem, bir-raġunijiet tal-arrest u b'kull akkuża*[94]. *Persuna miżmuma b'arrest għandu jkollha jedd li tagħmel proċeduri li bihom qorti tiddeċiedi bla dewmien jekk l-arrest jew iż-żamma tagħha hijiex skond il-liġi, u jekk jidher li dak l-arrest jew żamma mhux legali, tordna li dik il-persuna tinħeles minnufih*[95]. *Persuna li jintwera li kienet arrestata jew miżmuma kontra l-liġi, għandha jedd titlob kumpens*[96];

*Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta' tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati*[97]*, u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem huwa prijorita';*

*Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom) jisħqu dwar il-legalita' tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalita' hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi soddisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;*

*Illi fil-liġi tagħna, s-setgħat tal-Pulizija li tarresta persuna huma maħsubin u regolati, fost l-oħrajn, fil-Kodiċi Kriminali stess*[98]*;*
*Illi ż-żewġ testi jitkellmu wkoll dwar il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli biex isaħħaħ arrest jew żamma f'ċirkostanzi bħal dawk. Dwar din il-frażi, ingħad u ġie mgħallem ħafna matul is-snin, l-iżjed għaliex il-biċċa l-kbira tal-ilmenti li jitressqu dwar il-ksur ta' dan il-jedd fondamentali jduru fuq jekk is-suspett kienx wieħed raġonevoli jew le. Il-kriterju tar-raġonevolezza, għalkemm b'elementi soġġettivi, għandu jkun wieħed oġġettiv*[99]*;*

---

[93] Art 5(3)
[94] Art 5(2)
[95] Art 5(4)
[96] Art5(5)
[97] Art 34(3) tal-Kostituzzjoni u art.6(2) tal-Konvenzjoni.
[98] Ara art 347 u 353 tal-Kap 9.
[99] 29 Ara App. Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**); u App.Kost. **14.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.256**) u l-ġurisprudenza hemm imsemmija

*Illi dan ifisser li huwa meħtieġ li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq*[100]*, u dan kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma. Mhux hekk biss, imma jeħtieġ li tali suspett raġonevoli jibqa' jseħħ f'kull waqt li l-persuna tkun arrestata*[101]*. Malli jintemm is-suspett raġonevoli, jew malli jaqbeż iż-żmien raġonevoli li jiġġustifikah*[102] *minnufih irid jintemm l-arrest jew iż-żamma*[103]*. Madankollu, m'huwiex mistenni li fil-waqt tal-arrest, il-Pulizija jkollha diġa' provi w xhieda biżżejjed biex bihom tista' minn dak il-ħin tressaq b'arrest lill-persuna suspettata*[104]*;*
*Illi madankollu huwa mfisser ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni, minbarra l-ħtieġa ta' suspett raġonevoli fil-persuna arrestata jew miżmuma f'kull waqt tal-arrest jew taż-żamma tagħha, jrid jiġi muri wkoll li ċ-ċirkostanzi kienu tali li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tal-liberta' personali tas-suspettat. Għaliex l-arrest jew iż-żamma huma biss ġustifikati jekk kemm-il darba jkunu pre-ordinati jew meħtieġa biex il-persuna suspettata titressaq quddiem l-awtorita' ġudizzjarja kompetenti u tinxela bl-akkuża addebitata lilha*[105]*;*

*Illi tajjeb jingħad li dak l-arrest li l-Pulizija tista' twettaq sakemm isir stħarriġ dwar reat u l-persuna titressaq biex twieġeb għal xi eventwali akkuża quddiem Qorti kompetenti huwa wieħed ta' natura amministrattiva jew eżekuttiva, kif distint minn dak li jista' jissejjaħ ġudizzajrju, u li jseħħ meta dik il-Qorti jew Qorti oħra kompetenti ma tilqax talba għal-liberta' provviżorja jew tħassar liberta' diġa' mogħtija, jew waqt xi stadju ieħor tordna l-arrest ta' imputat*[106]*. Ġie meqjus li d-diskrezzjoni ta' Qorti fl-għoti jew iċ-ċaħda ta' talba għal-liberta' provviżorja m'hijiex kwestjoni kostituzzjonali*[107]*37;"*

Ikkunsidrat ulterjerment:

Kemm fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom kif ukoll fit-trattazzjonijiet mressqa ir-rikorrenti ikkontrastaw dawk li huma r-raġunijiet li fuqhom straħu l-Qrati tagħna ta' kompetenza kriminali biex waslu għal ċaħdiet ripetuti ta' l-għoti ta' liberta' proviżorja. Għalkemm il-Qorti ma tridx li titqies jew li tiftiehem li hi xi

---

[100] 30 Ara. P.A.( Kost). **8.4.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXII**

[101] Ara App. Kost. **9.4.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecil Paċe vs Onor. Dom Mintoff et*** (mhix pubblikata)

[102] Ara. ECHR **27.6.1968** fil-kawża ***Wemhoff vs Federal Republic of Germany*** (App. 2122/64), par 5; u App. Kost. **29.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.25**)

[103] Ara App. Kost. **7.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.37**)

[104] Ara. P.A. (Kost) **21.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Kummissarju tal-Pulizjia*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.**

[105] Ara App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.99**)

[106] Ara App. Kost. **11.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs L-Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.113**)

[107] Ara. App. Kost. **8.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Kummissarju tal-:Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.1**)

*third tier Court* f'dan ir-rigward, inevitabilment jkollha tħares lejn l-istess digrieti u tara jekk mill-provi li għandha hi quddiema hemmx xi ksur ta' xi rekwiżit li trid kemm il-liġi ordinarja kif ukoll il-kostituzzjoni u l-konvenzjoni li jwasslu biex jiġġustifika il-lanjanza mressqa mir-rikorrenti.

Kif ingħad m'hemmx dubju li l-arrest ta' Yorgen Fenech li ma jidhirx li kien ikkontestat hu wieħed li jaqa' fil-parametri tal-liġi. Għalhekk huwa paċifiku li dak li issa jgħodd huwa jekk id-detenzjoni kontinwata tar-rikorrenti llum għadhiex aktar raġonevoli f'għajnejn il-liġi u n-natura ta' l-eżami li għamlet fir-rigward ta' tali żamma minn kull Qorti adita b'talba apposita .

Ikkunsidrat:

Illi hija se tgħaddi biex teżamina ċ-ċaħdiet fid-digrieti msemmija taħt dawk ir-raġunijiet li ġew ikkunsidrati mill-Qrati biex ġiet ġustifikata d-detenzjoni kontinwa ta' Yorgen Fenech.

**<u>6) Biża ta' ħarba</u>**

Illi bla tlaqliq il-Qorti tgħid illi din ir-raġuni li fuqha tistrieħ waħda mir-raġunijiet li jixprunaw id-digriet attakati ġabha ir-rikorrenti f'idejh bit-*textx* minnu miktuba. Il-Qorti m'għandiex l-iċken dubju li r-rikorrenti darba li kien rinfaċċat bil-proklama ta' Theuma daħal ġo *drive u panic mode*, bl-intenzjoni ċara li jallontana ruħu minn dawn il-ġżejjer. Dan joħrog ċar **kristallin** mit-*texts* kollha li ġew ema sebiti lilha, kif misluta mill-Avukat ta' l-Istat u l-intervenuti fil-kawża, (jidher li ftit mill-ħafna presentati fil-kumpilazzjoni) li juru biċ-ċar il *forma mentis* tar-rikorrenti dak il-ħin. Dan ma jirriżultax biss mill-attentat li jitlaq minn Malta bl-użu tal-*yatch* bl-iskuża fjakka, li kien se jtella' l-istess ġol-*yard* fi Sqallija, imma mir-riċerka affrettata għal *flights*, ajruplani privati, riċerka ta' vetturi (ħuh), kiri bla dokumenti ta' djar etċ kif suriferut. Kollox magħmul f'ħin qasir, kważi b'mod eratiku u panikuż, bl-għajnuna ta' ħuh Franco u *Uncle Ray* biex jallontana ruħu minn dawn il-ġżejjer qabel, ma kif jgħid l-istess Fenech, ma jwaħħlu kollox fuqu[108]. Per parentesi li *yacht* jitella' *on the hard* għal manutenzzjoni ma hu xejn straordinarju, imma li trid tikkonvinċi lil Qrati li kien biss dan il-ħsieb ta' Fenech meta b'mod affrettat u għal improvist ttanta biex jitlaq lejn Sqallija u l-manuvri kollha li saru minnu biex ma jiġiex lura lejn pajjiżna ma tantx iħalli lok ta' interpretazzjoni ulterjuri mill-Qrati kriminali.

Kif sew jissottolineaw l-intimati din il-biża' ta' ħarba ġiet riflessa ukoll fil-ħsieb lir-rikorrenti xhur qabel kien qasma ma ommu li hu kien qed jikkonsidra li jitlaq

[108] Ara chat Dok KA 16 folio 808

minn dawn il-ġzejjer, tant li kien qed jara residenza ġewwa l-Istati Uniti, ukoll jikkonsidra skejjel idoneji għal uliedu ġewwa l-imsemmi kontinent.

Din il-biża' tal-ħarba ġiet anke kkunsidrata mill-ottika tal-faċilita' u l-ammont ta' assi disponibbli għar-rikorrenti. Bla dubju ta' xejn ir-rikorrenti hu bniedem li wieħed jista faċilment jsejjaħlu sinjur kbir u sew. Din mhux xi konklużjoni gratuwita li qed tasal għalija l-Qorti. Huwa fatt magħruf ġo pajjiż daqshekk żgħir u Fenech juri din id-disponibilta' faċli ta' likwidita' ta' assi fit-*texts* esebiti. Xiri ta' żwiemel u propjeta' f'ammonti ta' flejjes konsiderevoli ma jħallu ebda dubju ta' dan. Tant ġid bla dubju jgħin lil kull individwu jatwa pjanijiet t'allontanament mill-ġżejjer tagħna b'aktar faċilita'. Kif jgħidu bil-flus tagħmel triq fil-baħar. Dan jingħad nonostante lil aħna ngħixu ġo ġżira daqstant żgħira, pero' varji konoxxenzi u aċċess għal flejjes konsiderevoli jiftħu bibien mhux dejjem aċċessibli għal bniedem ordinarju.

Biex il-Qorti tkompli tara jekk l-eżami l' għamlu l-Qrati kienx tant ġenerali u fl-astratt li wassal għal detenzjoni arbitrarja tqies ukoll li llum l-assi ta' Fenech, dawk **lokali,** huma suppost milquta bi *freezing orders*; kemm in kwantu għal dawk milquta bl-akkuża ta' l-omiċidju, ukoll f'akkużi ġodda ta' *money laundering.* Dan jista' jinnewtralizza l-argument li allura din it-triq fil-baħar mhux daqstant faċli għalih. Pero', nonostante d-dibattitu li sar quddiema jekk dawn il-*freezing orders* baqgħawx viġenti, prova li fil-fatt ħadd ma ressaq fis-sod, u l-Qorti hawn tagħti d-dubju favur r-rikorrenti, tqies li Fenech mhux imxejjen li jutilizza assi oħra li jidher li għandu investiti fl-esteru. Dan ukoll jerġa' jirriżulta mic-*chats* esebiti. Mill-istess *chats* jidher ukoll li hu jista' jsib għajnuna finanzjara minn varji membri tal-familja tiegħu li bħalu għandhom ġid konsiderevoli. **Daqstant ieħor jirriżulta li hu għandu aċċess għal *crypto currancy* li bihom xtara xejn anqas minn armi. Flejjes ukoll għal xiri ta' *grenades* u *cyonide*!!!!!.** In poche parole Fenech juri disponibilta' mhux negliġibli għal assi li jistgħu jimmilitaw favur il-biża' ta' ħarba**.**

Konessa ukoll mal-biża' tal-ħarba hemm element ieħor li ġie kkunsidrat mill-Qrati tagħna fil-konsiderazzjonijiet tagħhom, il-konnessjonijiet multipli ta' nies ta' ċertu influenza għal esteru.

Dana kollu magħdud iwassal lil din il-Qorti għal konklużjoni lli n kwantu il-Qrati bbażaw il-kunsiderazzjonijiet tagħhom fuq il-fatti li eżminat hi, il-biża' tal-ħarba, magħduda dawn il-fatturi kollha, kienet waħda reali, attwali u eżaminata mill-lat oġġettiv. Tqies li a bażi ta' probabilta' kellhom raġun jemmnu li l-imputat/rikorrenti kien *a high flight risk person.*

Tqies ukoll lill-*flight risk* għandha tiġi kkunsidrata ukoll ma' fattur ieħor, pero' mhux in iżolament, il-fatt li llum ir-rikorrenti jekk misjub ħati jaf jaffaċja piena karkeraraja massima.

Tara ill l-Qrati tagħna fid-digrieti tagħhom eżaminaw dana kollu mill-lenti ta' sentenzi/digrieti tal-Qrati nostrali ukoll dawk tal-Qorti Ewropeja. Frankament kollha applikabli għal każ in deżamina. In linea ma' l-istess każistika ċitata l-Qorti tagħmel is-segwenti kumment kif stabbilit fid-deċiżjoni **Stogmuller vs Austria**[109] *"One must note, in this respect, that the danger of an accused absconding does not result just because it is possible or easy for him to cross the frontier(in any event, it would have been sufficient for the purpose to ask Stogmuller to surrender his passport)* ***there must be a whole set of circumstances*** *[110], particulary the heavy sentence to be expected or the accused's particular distaste of detention, or the lack of well established ties in the country, which give reason to suppose that the consequences and hazards of flight will seem to him lesser evil than continued imprisonment."*

Tara mid-digrieti attakati lli l-Qrati tagħna ħadu n konsiderazzjoni kull ċirkostanza li tiggverna u tiċċirkonda l-fatti ta' dan il-każ, mhux kif issostni r-rikorrenti biex jirribattu jew jmerru dak r-raġunijiet li qed iressaq hu, qiesu b'xi pjaċir biex jwaqqgħu l-kelma tiegħu, imma għax huma ċirkostanzi li verament u fattwalment ġew preżentati lilhom mill-prosekuzzjoni u li meħudin fl-assjem tagħhom jwasslu għal dik il-biża ta' ħarba kif riskontrata mill-Qrati ta' kompetenza kriminali.

Tara ukoll illi l-Qrati ħadu ukoll n konsiderazzjoni r-rabtiet li Fenech għandu f'dawn il-gżejjer, fatt dan mhux injorat f'ebda digriet. Pero' l-istess Fenech darba li kien lest jallontana ruħu, allura kien lest li jitlaq l-istess rabtiet, tant li talab lil zijuh joħodlu ħsieb lil uliedu fl-assenza tiegħu.

Punt ieħor lil Qorti tissottolinea li tratta fuqu l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti huwa lil biża' tal-ħarba huwa newtralizzat bl-operat ta' *European Arrest Warrant*. Vera kemm hu vera dan u effiċjenti kemm hi din l-għodda legali, din hija dejjem dipendenti mall-fatt lil **maħrub jiġi rintraċċat**. U dan fi ħdan dawk il-pajjiżi fejn jopera dan il-mekkaniżmu.

Tara ukoll lil Qrati ħadu dana kollu n konsiderazzjoni mall-fatt li mogħti l-*police bail* għal diversi drabi, fl-aħħar darba qabel ma tressaq, Fenech kien saħansitra bla *police escort* u hawn ma ttentax li jaħrab. Pero' tirribatti din il-Qorti u ta' dan kienu konxji ukoll il-Qrati kriminali, li dan il-fatt waħdu ma jinnewtralizzax dak

---

[109] 1602/62 10/11/1969
[110] Emfazi ta' din il-Qorti.

kollu eżaminat, għax f'dan l-istadju Fenech kien ben konxju mill-fatt li kien taħt il-lenti sew tal-pulizija u ta' dak kollu li kien ġia okorra fl-investigazzjoni.

**7) Intralċ ta' provi u interferenza fil-kors tal-Ġustiżja; invetigazzjonijiet pendenti.**

Dana kollu jorbot ma eżami u kunsiderazzjonijiet oħra li għamlu l-Qrati tagħna fit-talbiet avanzati minn Fenech dik ta' **intralċ tal-provi u l-konsegwenti interferenza u intralċ fil-kors tal-ġustizzja**. Anke minn dan il-lat ma tistax tara lid-digrieti esebiti jagħtu xi lok t'arbitrarjeta', jew l'hemm xi kunsiderazzjonijiet tant astratti u ġeneriku li jwasslu għal ksur investigat.

Anke hawn rat il-provi li kellhom quddiemhom il-Qrati kriminali għal kunsiderazzjoni tagħhom f'dan ir-rigward. Irriżulta mill-provi li Fenech saħansitra kellu għandu, *image* fil-mobile tiegħu, xejn anqas minn kopja tal-proklama li ġiet mogħtija lil Theuma, li hu rċeva xejn inqas ħlief mingħand iċ-chief of Staff Keith Schembri. Oltre hekk nonostante li kien taħt sorveljanza tal-pulizija, waqt li kien impost fuqu l-*police bail*, huwa saħansitra ġia avviċinat mit-tabib Vella li saħansitra għaddielu notamenti n konnessjoni mat-talba li Fenech għamel għal proklama, bl-intendiment li jiġu nvoluti terzi persuna. Ir-rikorrenti jargumenta li kien hu stess, *di sua sponte* li għadda din l-aħħar informazzjoni lil pulizija, għal darb' oħra pero' dana kollu ma jinnewtralizzax il-fatt li hu kien daqshekk aċċessibbli għal intralċ u **dan dejjem minħabba il-konoxxena mifruxa u n-natura tan-nies li hu jaf.** Dan mhux punt ta' eżami astratt jew wieħed arbitrarju kull fejn fid-digrieti l-Qrati għamlu tali konsiderazzjoni. **Qajla wieħed jista jaħrab il-faċilita' li Fenech kellu t'aċċess għal ċertu informazzjoni li żgur u qatt ma kienet postha fi ħdanu!!!!!.** Dan jingħad magħdud mall-fatt li hawn si tratta t' investigazzjoni li għadha attiva, almenu sa fejn semgħet il-Qorti, li tidher li kienet tinvolvi ammont sostanzjali ta' nies. **Akbar l-involviment ta' nies akbar il-biża' t' intralċ. U akbar il-pożizzjoni privileġġjata ta' dawn in-nies u l-faċilita' li jottjenu ċertu informazzjoni ukoll akbar il-biza' t' intralċ.**

Punt ieħor li ġie kkunsidrat mill-Qrati fid-digrieti, u dan b'mod enfatiku, hu li nonostante li fil-konfront tar-rikorrenti l-investigazzjonijiet relattati ma' l-omiċidju kienu kompleti, pero irriżulta illi kien u għad hemm investigazzjonijiet ulterjuri li għadhom għaddejin f'konfront ta' terzi. Fil-fatt ir-rikorrenti jisħaqq fuq id-dikjarazzjoni li kien għamel il-Kummissarju tal-Pulizija li kull min kien involut f'dan l-omiċidju kien tressaq il-Qorti, kif jidher minn nota esebita mill-Avukat ta' l-Istat. Għala il-Kummissarju għamel din l-istess dikjarazzjoni u ċ-ċirkostanzi li saru fiha huma njoti għal din il-Qorti. Li hu ċert li llum hemm *in genere* li għada għaddejja fil-konfront ta' dan l-omiċidju, dan ifisser li għad hemm nies possibilment involuti f'dan ir-reat li għadhom ma ġewx identifikati

jew li jistgħu jkunu suġġetti għal intralċ. Bla dubju dan it-tul ta' żmien t' investigazzjonijiet jimilita mhux ftit kontra in-nuqqas ta' liberta' tar-rikorrenti. Pero tara ukoll li anke l-Qrati Ewropeja aċċettaw li l-komplessita' ta' nvestigazzjonijiet taf tkun eċċezzjoni għal dan id-dritt tant li nsibu li f'deċiżjoni **Stvrtecky vs Slovakia**[111] fejn f'reat ta' komplessita' fl-investigazzjoni bħal fil-każ odjern qalet;

*"b) Reasonableness of the length of detention*

*57. The Court notes at the outset that the length of the applicant's detention on remand – more than three and a half years – is a matter of great concern requiring a very strong justification (see Tsarenko v. Russia, no. 5235/09, § 68, 3 March 2011).*

*58. At the same time, the Court takes into account that the present case concerned a serious crime, namely leadership of a criminal group that had operated systematically for several years using methods of extortion, extreme violence and aggravated coercion with a view to obtaining financial gain. Thus, it was a classic example of organised crime, by definition presenting more difficulties for the investigating authorities, and later for the courts, in relation to determining the facts and the degree of responsibility of each member of the group. It is obvious that, in cases of this kind, continuous control and limitation of the defendants' contact with each other and with other persons may be essential to avoid their absconding, tampering with evidence and, most importantly, influencing or even threatening witnesses. Accordingly, longer periods of detention than in other cases may be reasonable (see Bąk v. Poland, no. 7870/04, § 56, 16 January 2007; Luković v. Serbia, no. 43808/07, § 46, 26 March 2013; Mierzejewski v. Poland, no. 15612/13, § 42, 24 February 2015 and Podeschi v. San Marino, no. 66357/14, § 147, 13 April 2017). In the Court's view, the fact that the case concerned the alleged leader of such a criminal group should be taken into account in assessing compliance with Article 5 § 3 of the Convention (see Tomecki v. Poland, no. 47944/06, § 30, 20 May 2008, and Luković, cited above, § 47).*

*59. The Court accepts that the reasonable suspicion that the applicant committed the offences he had been charged with was based on cogent evidence and persisted throughout the trial leading to his conviction. At the same time, it reiterates that the existence of reasonable suspicion cannot on its own justify pre-trial detention, and must be supported by additional grounds (see Buzadji, cited above, § 95). Thus, it will examine whether the other grounds given by the judicial authorities justified the applicant's deprivation of liberty, and whether those grounds were "relevant" and "sufficient".*

[111] 55844/12 deċiża 5/6/2018

*60. When remanding the applicant in custody, the domestic authorities relied principally on two grounds: (i) the risk that he would frustrate the criminal proceedings by putting pressure on witnesses, contacting other perpetrators and tampering with evidence; and (ii) the risk that he might continue with his criminal activities. In addition, the authorities referred to the particularly serious and organised nature of the charges against the applicant, the fact that he was suspected of being the leader of the criminal group, and the complexity of the investigation (see paragraphs 7, 9, 10, 12, 14, 17, 19 and 20 above).*

*61. As regards the risk of collusion, the Court observes that this was the principal ground for the applicant's detention from the time of his arrest until 27 May 2010, when all witnesses had been heard by the trial court (see paragraph 20 above). The Court acknowledges that, in cases such as the present one concerning organised criminal groups, the risk that a detainee, if released, might put pressure on witnesses or other co-accused, or otherwise obstruct the proceedings, is by the nature of things often particularly high (see Gładczak v. Poland, no. 14255/02, § 55, 31 May 2007). The Court observes that, apart from the general risk flowing from the organised nature of the applicant's alleged criminal activities, the domestic courts relied on specific threats made to one of the victims, P.P., the testimony of one witness who had been threatened in an attempt to get him to change his testimony, and the testimony of several witnesses who were afraid to testify against the applicant if he were at liberty (see paragraphs 7 and 19 above). The domestic courts considered these fears to be serious, and allowed these witnesses to testify against the applicant in his absence. The Court accepts that the risk of collusion flowing from the nature of the applicant's criminal activities actually existed, and justified holding him in custody on this ground for the relevant period (for similar reasoning, see Mkhitaryan v. Russia, no. 46108/11, §§ 94-98, 5 February 2013).*

*62. In addition to the ground analysed above, on 18 September 2007 the domestic authorities extended the grounds for the applicant's detention by including the risk of his reoffending (see paragraph 14 above). They relied on the seriousness and nature of the charges against him at that time, and the fact that not all of the members of the criminal group had been identified. The Court reiterates that while the gravity of the crimes allegedly perpetrated by the applicant could not by itself justify the overall length of his detention, the judicial authorities relied on information relating to the applicant's behaviour, the motives for his criminal activities, their duration, extent and methods, and his authority in the criminal group (see paragraphs 14, 17, and 20 above).*

*63. The Court further notes that between 27 May 2010 and 23 June 2010 the risk of reoffending was the sole ground for the applicant's detention. During this period, the domestic courts relied heavily on the need to protect victims and witnesses who had expressed a serious fear of the applicant when testifying at*

*the trial (see paragraph 20 above). The Court is of the opinion that, given the nature of the applicant's alleged criminal activities, especially the methods of violence and extortion, it was reasonable for the authorities to presume, even at the later stage of the trial, that if released he might carry out his threats. Therefore, in the circumstances of the present case, the Court is prepared to accept that the authorities thoroughly evaluated the risk of the applicant's reoffending, and were not unreasonable in fearing that he might reoffend if released.*

*64. The Court further observes that the Constitutional Court, in its judgment of 8 December 2011, found a violation of Article 5 § 4 of the Convention in that the Supreme Court had failed to answer several procedural arguments posed by the applicant in its decision of 10 June 2010 (see paragraph 30 above). However, the Constitutional Court found no shortcomings in the Supreme Court's examination of the applicant's arguments regarding the grounds for detention, which were reviewed and answered in detail. The Court concurs with this assessment, and is of the view that the Supreme Court gave relevant and sufficient reasons for the applicant's detention, even if it did not answer all his procedural arguments as identified by the Constitutional Court.*

*65. The Court further observes that the domestic authorities reviewed and extended the applicant's detention every six months, and in the meantime regularly examined his applications for release. The judicial authorities referred to the specific facts of the case and did not use "general and abstract" arguments for his continued detention, nor can it be said that the authorities ordered or extended the applicant's detention on identical or stereotypical grounds, using pre-existing template or formalistic and abstract language (see, a contrario, Tsarenko, cited above, § 70, and cases cited therein). The Court also notes that, with the passing of time, the courts' reasoning evolved to reflect the state of the investigation and, later, the trial, and to verify whether the grounds for detention remained valid. In particular, on 18 September 2007 the Special Court extended the grounds for the applicant's detention to include the risk of his reoffending, and on 27 May 2010 the same court lifted the grounds of a risk of collusion because all witnesses had already been heard (see paragraphs 14 and 20 above).*

*66. The Court concludes that the grounds given for the applicant's pre-trial detention were "relevant" and "sufficient" to justify holding him in custody for the entire period of his detention."*

F'dan ir-rigward il-Qorti ukoll tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Merabishvili vs Georgia**[112] **li** tagħti veduta generali tal-

[112] Application 72508/13 G.C. 28/11/2017

prinċipji li jiggvernaw ir-*reasonablness of a continued detention*, il-Qorti ta' Strasburgu qalet dan:

*"2. The Court's assessment*

***(a) Period to be taken into consideration***

*221. The period to be taken into consideration began on 21 May 2013, when the applicant was arrested, and ended on 17 February 2014, when he was convicted at first instance (see paragraphs 26 and 53, and Buzadji, cited above, § 85, with further references). It therefore lasted eight months and twenty-seven days.*

***(b) The reasonableness of that period***

*(i) General principles*

*222. The persistence of a reasonable suspicion that the detainee has committed an offence is a condition sine qua non for the validity of his or her continued detention. But when the national judicial authorities first examine, "promptly" after the arrest, whether to place the arrestee in pre-trial detention, that suspicion no longer suffices, and the authorities must also give other relevant and sufficient grounds to justify the detention. Those other grounds may be a risk of flight, a risk of pressure being brought to bear on witnesses or of evidence being tampered with, a risk of collusion, a risk of reoffending, or a risk of public disorder and the related need to protect the detainee (see Buzadji, cited above, §§ 87-88 and 101-02, with further references). Those risks must be duly substantiated, and the authorities' reasoning on those points cannot be abstract, general or stereotyped*

*(see, among other authorities, Letellier v. France, 26 June 1991, § 51, Series A no. 207; Clooth v. Belgium, 12 December 1991, § 44, Series A no. 225; Smirnova v. Russia, nos. 46133/99 and 48183/99, § 63, ECHR 2003-IX (extracts); and Giorgi Nikolaishvili v. Georgia, no. 37048/04, §§ 73 and 76, 13 January 2009).*

*223. In particular, the risk of flight cannot be gauged solely on the basis of the severity of the possible sentence; it must be assessed with reference to a number of other factors, such as the accused's character, morals, assets, links with the jurisdiction, and international contacts (see W. v. Switzerland, 26 January 1993, § 33 Series A no. 254-A; Smirnova, cited above, § 60; and Buzadji, cited above, § 90). Moreover, the last sentence of Article 5 § 3 of the Convention shows that when the only remaining reason for detention is the fear that the accused will flee and thus avoid appearing for trial, he or she must be released pending trial if it is possible to obtain guarantees that will ensure that appearance (see Wemhoff*

*v. Germany, 27 June 1968, p. 25, § 15, Series A no. 7; Letellier, cited above, § 46; and, more recently, Luković v. Serbia, no. 43808/07, § 54, 26 March 2013).*

*224. Similarly, the risk of pressure being brought to bear on witnesses cannot be based only on the likelihood of a severe penalty, but must be linked to specific facts (see, among other authorities, Jarzyński v. Poland, no. 15479/02, § 43, 4 October 2005; Kozłowski v. Poland, no. 31575/03, § 43, 13 December 2005; Krzysztofiak v. Poland, no. 38018/07, § 48, 20 April 2010; and Saghinadze and Others v. Georgia, no. 18768/05, § 137, 27 May 2010).*

*225. It is essentially on the basis of the reasons set out in the decisions of the national judicial authorities relating to the applicant's pre-trial detention and of the arguments made by the applicant in his requests for release or appeals that the Court is called upon to decide whether or not there has been a violation of Article 5 § 3 of the Convention (see, among other authorities, Wemhoff, cited above, pp. 24-25, § 12; Neumeister v. Austria, 27 June 1968, p. 37, §§ 4-5, Series A no. 8; Letellier, cited above, § 35; and Buzadji, cited above, § 91).*
"

**Il-Qorti ċċitata din is-silta tal-Qorti Ewropeja għax tiġbor fiha bosta mill-prinċipji applikabli għal każ in eżami u ma tara xejn li f'dak deċiż mill-Qrati tagħna jikkontrasta mat-tagħlim erudit riprodott. Ovjament il-Qorti qed tindirizza biss u unikament id-digrieti s'issa mogħtija, *the way forward* f'dan ir-rigward jispetta kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qrati Kriminali abbraċċati l-prinċipji tal-Qorti kostituzzjonali u Ewropeja in tematika.**

**<u>8) Public Disorder u Interess pubbliku</u>**

Id-difiża resqet argumenti approfonditi fejn id-digrieti ta' ċaħda straħu n parte iżda mhux biss, fuq l' hekk imsejjaħ **public disorder/public interest.** L-argument prinċipali tagħhom kien li dan ma kienx inkluż bħala wieħed mir-rekwiżiti lill-liġi domestika kriminali, senjatament l-artikolu 575 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, isejjes bħala raġuni għala l-Qrati jistgħu jiċħdu talba għal ħelsien mill-arrest. Fis-sottomissjonijiet orali tagħhom issostnu ukoll li dan il-*public disorder* u l-agħa pubbliku, ma jistgħu jkunu qatt raġuni għala persuna tinżamm taħt arrest preventiv.

Il-Qorti se tibda biex tindirizza l-aħħar argument tad-difiża fir-rigward. Bla ma tnaqqas xejn mill-impatt soċjo-politiku ta' dan l-omiċidju, il-liberta' ta' persuna ma tista' qatt tiddependi fuq l-agħa tal-pubbliku, għaliex fin in fondo hawn xi tratta ta' persuna li għadha innoċenti **fl-għajnejn li jgħoddu u ċioe dik tal-liġi**; almenu sakemm aħna gvernati bl' hekk imsejjaħ **saltna tad-dritt.** B'mod ieħor

tirrenja anarkija totali dettata mill-volonta tal-massa. U ssir parodija tal-ġustizzja. U f'dan l-argument id-difiża għandha raġun.

Imma l-eżami l' għamlu l-Qrati kriminali fir-rigward kien immur oltre minn hekk. U ċertament Fenech ma kienx qed jiġi miċħud il-liberta' proviżorja minħabba xi biża' hekk imsejħa fantomatika li tqum xi ribelljoni f'pajjiżna. It-trapass taż-żmien li hu ilu taħt arrest preventiv jaf jimxi kontra dan. Id-digrieti jsemmu varji fatturi u jagħmlu eżami approfondit ta' kull sitwazzjoni mressqa lill-Qrati. Allura l-*public disorder* u l-*public interess* itteħdu n kunsiderazzjoni ma l-assjem ta' kunsiderazzjonijiet oħra mhux b'mod iżolat.

Inoltre din il-Qorti ma taqbilx mal-analiżi l' għamlet id-difiża tar-rikorrenti tar-rekwiżiti elenkati fl-artikolu 575 (1) tal-Kap 9, fejn targumenta li l-esklussjoni tal-kunċett tal-ordni pubbliku bħala bażi għal kunsiderazzjoni fl-għoti tal-ħelsien mill-arrest, jagħmel kull kunsiderazzjoni mill-Qrati tagħna fid-digrieti mogħtija tali li jmorru kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Tant li tiċċita l-liġijiet fejn tali rekwiżit hu tassativament imsemmi u allura targumenta li *a contrario senso* il-Qrati ma jistgħux jieħdu dan in kunsiderazzjoni fl-analiżi tagħhom a bażi tal-massima *ubi lex volit, dixit.*

Inevitabilment kif għamlu l-intimati u l-intervenuti *in statu et terminis* l-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali nostrana fir-rigward u dan fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Alfred Degorgio et. vs l-Avukat ta' L-Istat**[113] li *in parte* tolqot ukoll il-mertu ta' dawn il-proċeduri trattando ukoll *inter alia* ta' lanjanza a bażi tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni fir-rigward ta' nuqqas ta' għoti tal-ħelsien mill-arrest rigwardanti l-istess reat. Verament hawn il-Qorti kienet qed titkellem fuq l-**interess pubbliku**, imma dan l-interess huwa estenzjoni u fergħa tal-ordni pubblika, għax fin in fondo l-ordni pubbliku hu t' interess pubbliku. Qalet hekk:

*"20. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mingħajr eżitazzjoni tikkonkludi li f'każ bħal dan fejn si tratta ta' attivita` kriminali fuq din l-iskala, ir-riskju li jekk tingħata l-ħelsien mill-arrest isir xi forma ta' pressjoni fuq ħaddieħor hu reali u għoli (ara per eżempju sentenza tal-QEDB Podeschi v. San Marino tat-13 ta' April 2017, paragrafu 149). Il-Qorti tagħraf li perjodu ta' detenzjoni ta' kważi erba' snin hu konsiderevoli.* ***Pero` f'każ bħal dan sallum l-interess pubbliku jitlob li l-appellanti jibqgħu detenuti****, b'dan li l-Avukat Ġenerali u l-qorti kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom li wkoll fl-interess ġenerali dan il-każ jingħata l-prijorita` li hemm bżonn li jingħata."*

[113] 1/2029/1JVC 27 ta' Ottubru, 2021

Il-Qrati tagħna m’humix ġodda għal din il-kunsiderazzjoni bazat fuq l-ordni pubbliku jew l-interess pubbliku fl-għoti ta’ digrieti simili jew kontestazzjonijiet bħal ma hu l-każ in deżamina. Tant li insibu li fid-deċiżjoni fl-ismijiet **John Aquilina et. Vs Avukat Ġenerali.**[114] ingħad li-;

*“**11.** L-istess jista’ jinghad ghall-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Ghalkemm huwa minnu li dana l-Artikolu, meta jirreferi ghal helsien waqt pendenza ta’ proceduri, jghid “Il-helsien jista’ jkun taht kondizzjoni ta’ garanzija biex [l-arrestat jew detenut] jidher ghall-proceduri”, dana ma jfissirx li huma biss dawn il-kondizzjonijiet, cioe` dawk intizi biex jassiguraw li l-imputat jew akkuzat jidher ghall-proceduri, li jistghu jigu imposti. Dan hu evidenti anke mill-istess gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. In fatti, fost ir-relevant and sufficient grounds li dik il-Qorti accettat bhala li jistghu jiggustifikaw li persuna akkuzata b’reat tibqa’ arrestata, ghall-anqas ghal certu zmien, bla ma tinghata bail hemm is-segwenti: (**i**) the seriousness of the alleged offences and the strength of suspicion; (**ii**) protection of public order; (**iii**) risk of pressure on witnesses or collusion with co-accused; (**iv**) risk of repetition of offences; u (**v**) danger of absconding[115]”*

Taqbel ukoll ma dak li qal l-Avukat ta’ l-Istat fir-rigward tal-interpretazzjoni pjutost riġida lir-rikorrenti jagħti lill-artikolu 575(1) tal-Kap 9. Verament in kwantu hawn titratta l-liberta’ ta’ persuna, l-Qrati iridu jkunu kawti f’dak li jimilita kontra. Pero’ il-kelma tal-liġi tagħti lok għal kunsiderazzjonijiet oħra lill-Qorti tista tagħmel meta tkun qed teżamina t-talba għal ħelsien mill-arrest bl-użu tal-kliem ’ *“...kull xi ħaga ohra li tidher li hi rilevanti”* u li tagħtiha sodisfazzjon li jekk l-imputat jiġi meħlus mill-arrest ma jiġux riskontrati l-perikli ennuċjati fis-sub paragrafi (a) sa (e) ta’ l-artikolu 575(1). Ma din il-kunsiderazzjoni l-Qorti iżied li qajla wieħed jista’ jaħrab ukoll, u dan dejjem marbut mal-kelma tal-liġi riflessa fl-artikolu in eżami, illi fl-istess hemm provdut li l-Qorti għandha tara ukoll **iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ** biex tgħaddi għad-digriet tagħha. Minn imkien u mill-ebda digriet li ġie għal attenzjoni ta’ din il-Qorti fir-rigward taċ-ċaħdiet tal-liberta’ proviżorja ta’ Yorgen Fenech ma jidher li kien hemm xi nuqqas ta’ tali valutazzjonijiet kif trid il-kelma tal-liġi, anke fejn il-Qorti kkunsidrat ukoll iċ-ċaħda mill-att t’ ordni pubbliku u interess pubbliku.

Terġa’ tirritjeni li l-Qrati tagħna ilhom jirrikorru għal din ir-raġuni meta jagħmlu l-kunsiderazzjonijet tagħhom f’talbiet in materja per eżempju naraw deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Dr. Patrick Spiteri vs l-Avukat Ġenerali et**[116] fejn il-Qorti għamlet ukoll referenza għal dak li hu kemm t’ ordni pubbliku kif ukoll t’interess

---

[114] Qorti Kost. 1/06/2007 ; 34/2004/1

[115] 9 Ara b’mod generali Reid, K. ***A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights*** Sweet & Maxwell (London), 2004, pp. 421-424. Ara wkoll Jacobs & White ***The European Convention on Human Rights*** OUP, 2006, pp. 135-136.

[116] Deċiża 23 ta’ Diċembru, 2002 Rikors Numru 34/2002/1

pubbliku fil-ħsieb tagħha meta kienet qed tikkunsidra l-għoti tal-ħelsien mill-arrest;

*"Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta' tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-**ordni pubbliku."***

**...**

*"Dan fis-sens li jrid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li, f'kull waqt li persuna akkużata b'reat tinżamm arrestata, flimkien mar-raġonevolezza tas-suspett li dik il-persuna wettqet tali reat, **irid jintwera wkoll li hemm raġunijiet ta' interess pubbliku rilevanti u suffiċenti biżżejjed biex jiġġustifikaw iżjed indħil fid-dritt tal-ħelsien personali ta' dik il-persuna."***

F'din l-istess sentenza fir-rigward saret ukoll referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Bartolo vs Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali 22.11.2000 kollez.Vol. i.XXXIV.i.392) trattando ta' l-istess argument in materja.

Għalhekk tqies illi m'hemm xejn kontra l-kelma tal-liġi kull fejn il-Qrati tagħna ħadu dan l-element ikkontestat mir-rikorrenti fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom għal għoti o meno tal-ħelsien mill-arrest, xejn li fil-fatt jmur kontra l-ispirtu ta' dak provdut fil-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja, xejn li jqiegħed l-eżami fuq livell astratt u ġenerali u li ma jaqax fl-ambitu tal-liġi.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Letellier vs France**[117] **u Tomasi vs France.**[118] u oħrajn in materja ukoll msemmija mill-partijiet**.** Il-Qorti hija konxja tal-fatt lil-liġi kriminali Franċiża għandha dan ir-rekwiżit t'ordni pubbliku stipulat fl-Artikolu **144 tal-Kodiċi Kriminali Franċiż** [119] fil-kunsiderazzjonijiet tagħha għal għoti għal ħelsien mill-arrest, *a contrario* tal-liġi domestika tagħna, pero' tibqa' tal-fehma illi tali kunsiderazzjoni t'ordni pubbliku u interess pubbliku jsib konfort kif ingħad fis-sentenza ta' ftuħ ta' l-artikolu 575 tal-Kap 9, għalkemm kif għamlu l-Qrati tagħna fid-digrieti imsemmija, tali kunsiderazzjoni ma' tista qatt tkun mogħtija n iżolazzjoni mingħajr kunsiderazzjoni t'elementi oħra stipulati fl-imsemmi artikolu.

---

[117] 12369/86; 26/06/1991

[118] 12850/87 ; 27/08/1992

[119] ***"Pre-trial detention may only be ordered or extended if it is the only way:***

***...***

***3. to put an end to an exceptional and persistent disruption of public order caused by the seriousness of the offence, the circumstances in which it was committed, or the gravity of the harm that it has caused.***

**9) Digriet tal-Qorti Istruttorja datat 14 ta' April, 2021**

Il-kritika tar-rikorrenti kienet ukoll indirizzata in partikolari lejn digriet tal-Qorti Istruttorja datat fl-14 t' April 2021. Jagħmel din il-kritika kemm fir-rikors promotur ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Jikritika l-istess digriet minn diversi lati. Jgħid li l-Qorti qegħda tagħti kważi assigurazzjoni li jagħmel x'jagħmel ir-rikorrenti qatt ma hu se jingħata l-ħelsien mill-arrest. Li l-għan tal-Qorti hu biss li tmeri lid-difiża fir-raġunament tagħha, li ma kienetx qed tagħti fatti oġġettivi għaċ-ċaħda tagħha. Żid ukoll ma din il-kritika illi l-Qorti donnha kienet qed tgħid li l-prosekuzzjoni ma kellha għalfejn iġġib ebda provi li jimmilitaw kontra l-għoti tal-ħelsien mill-arrest.

Inevitabilment bla ma trid tagħmilha ta' Qorti reviżur tad-digriet ikkontestat din il-Qorti trid bilfors tanalizza l-istess biex tara din il-kritika hux waħda valida tant li twassal li dan ikisser id-dritiijiet tar-rikorrenti sanċiti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

Tara li l-artikolu 575 tal-Kap 9 li jigverna l-istitut tal-ħelsien mill-arrest preventiv jobbliga lill-Qorti tagħmel eżami taċ-ċirkostanzi hemm stipulati u oħrajn li jafu jimmilitaw favur jew kontra l-għoti tal-liberta' proviżorja. Eżami li l-Qorti hija obbligata tagħmel b'reqqa u skruplu għax l-għoti tal-ħelsien huwa eċċezzjoni għad-dritt ta' liberta' tal-persuna. Jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li topponi l-għoti mill-arrest preventiv li turi dawk iċ-ċirkostanzi l' għandhom iwasslu għan-negazzjoni ta' l-istess. Minn eżami li għamlet din il-Qorti ta' l-istess digriet tara li fil-fatt lill-Qorti Istruttorja siltet kull prova li nġabet favur jew kontra Fenech fil-kunsiderazzjoni tagħha tat-talba avanzata u dan fuq provi prodotti mill-prosekuzzjoni miġbura fil-kors tas-smiegħ.

Il-Qorti Istruttorja ieset it-tul taż-żmien li Fenech kien ilu detenut; qieset l-andament mexxej ta' l-Istruttorja u l-ammont ta' xhieda li kienu qed jinstemgħu f'kull seduta; qieset il-pendenzi investigattivi, l-fatt li kien għad hemm nies li jridu jitkellmu jew jixhdu, l-impatt ta' l-istess fuq l-investigazzjoni, il-fatt li kien hemm kxief t' aktar persuni involuti fil-komplott ta' l-omiċidju, dan kollu fid-dawl ta' intralċ tal-provi u disturb għal amministrazjoni tal-ġustizzja, ukoll l-interess pubbliku li jesiġi li kull minn hu responsabli għal dan ir-reat jitressaq u jirrispondi għalhekk.

Dana kollu għamiltu billi eżaminat dawk il-provi kollha li ressqet il-prosekuzzjoni fir-rigward. Fehmet li *qua* provi b'mod oġġettiv mill-atti kellha

jirriżultalha raġunijiet biżżejjed konkreti u oġġettivi li jiġġustifikaw l-eżistenza o meno taċ-ċirkostanzi elenkati fill-paragrafi (a) sa (e).[120] Huwa minn dan il-lat ta' prova li l-Qorti tifhem li sar l-eżami mill-Maġistrat Istruttur.  U minn dak li rat meta qrat b'mod akkurat u attent id-digriet imsemmi ma tirriskontrax li l-Qorti tefgħet xi piż ta' prova fuq l-imputat. Qieset biss dawk il-provi kollha li l-prosekuzzjoni kienet resqet u a bażi tagħhom waslet għal konklużjonijiet oġġettivi tagħha.  Il-Qorti qalet ukoll, u hekk għandu jiftiehem id-digriet, illi l-prosekuzzjoni ma kienetx bilfors obbligata tressaq provi t' **intralċ effettiv**, bħal donnu taqbad li l-imputat *in flagrante delicto* f'dana il-fatt, imma kien jinkombi fuqha, li tressaq kif għamlet, provi li juru li miċ-ċirkostanzi oġġettivament eżaminati wieħed kellu l-biża'  li l-ħelsien tar-rikorrenti kien iwassal għal dan. Tant li l-Qorti Kostituzzjonali tagħna fid-deċiżjoni ta' l-aħwa Deġorġio ġia msemmija għal kritika simili qalet "*Sabiex qorti tiċħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest* ***m'huwiex meħtieġ li jintwera li kien hemm xi intralċ ta' provi.*** *Il-Qorti fehmet id-digriet tas-6 ta' Marzu 2020 fis-sens li hemm provi li juru li kemm ilhom f'detenzjoni, l-appellanti tramite mandatarju għamlu kuntatt ma' persuni li dwarhom hemm suspett li b'xi mod jew ieħor kienu involuti fil-każ. Dik m'hijiex raġuni li tista' tiġi deskritta bħala "general and abstract"*. Fil-fatt l-artikolu 575(1)(d) jitkellem *inter alia* fuq nuqqas ta' periklu li imputat jinterferixxi **jew jipprova jagħmel hekk**. Fatt dan li  jirriżulta mir-raġunijiet mwieżna mill-provi mressqa u oġġettivament eżaminati.

Dwar l-argument tar-rikorrenti li donnu kull digriet issa ġie *stereotyped* immirat lejn ċaħda, tara li kull digriet għamel eżamijiet akkurati ta' sitwazzjoni li hija ta' żvillup kontinwu, tant li l-*in genere* waslet fir-raba' stadju tagħha. Mill-esperjenza twila  li din il-ġudikant tgawdi fil-kamp kriminali qajla tiftakar inkjesta li kellha daqshekk truf, kumplikazzjonijiet u implikazzjonijiet ta' terzi. Dana kollu torbtu mad-deċiżjoni hawn fuq ċitata ta'  **Stvrtecky** *supra.*

Magħduda ma' kull argument li sar il-Qorti żżied illi kif kien dover tal-prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali fl-Istruttorja, huma ressqu l-provi neċessarji la darba kienu qed jopponu l-ħelsien mill-arrest.  Dana ma jiċċentra xejn mal-lanjanza tar-rikorrenti li hemm xi vantaġġ ta' l-Avukat Ġenerali li huwa kważi-ġudikatur, għax fl-għoti o meno tal-ħelsien mill-arrest jinkombi fuqu mal-prosekuzzjoni li jressaq l-provi kif ingħad. Ma jgawdi  ebda vantaġġ li jqiegħed xi piż ta' sproporzjonalita' fuq l-imputat. Kif inhu d-dover tiegħu għamel,  għax hu dmiru ukoll li jipproteġi l-integrita' tal-proċess ġudizzjarju u jressaq l-aħjar prova sal-grad li trid minnu l-liġi għal valutazzjoni oġġettiva tal-Qorti. Hu hekk sar.

[120] Folio 354

Terġa tirritjeni lill qajla jista' jingħad lil Qrati kienu *stereotyped* fid-digrieti tagħhom, għax għalkemm isiru referenzi ripetuti għal fatti kif irriżultaw mill-kumpilazzjoni, pero jidher li hawn si tratta mhux biss ta' investigazzjoni attiva imma addirittura kumplessa ġia minn natura tan-nies hemm involuti u l-konoxxenzi tagħhom.

**Magħmula dawn il-kundsiderazzjonijiet kollħa tqies illi Yorgen Fenech ma sofra ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali a bażi ta' l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u b'hekk taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tiegħu bl-ispejjeż.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**